**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' April 2019**

**Rikors nru: 104/09 AGV**

AB f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha CB.
Vs
DB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ipprezentat fl-1 ta' April, 2009 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar is-16 ta' Mejju, 1993, fil-kappella ta' San Alwigi, Birkirkara, skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn

anness u mmarkat Dok. A u minn dan iz-zwieg twieldilhom tifel bi bzonnijiet specjali, bl-isem CB, illi llum ghandu tlettax-il (13) sena.

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi u ingurja gravi da parti tal-intimat.

3. Illi l-intimat telaq mid-dar matrimonjali u minn dawn il-gzejjer lejn ir-Russja fid-29 ta' Ottubru, 2006 u dan minghajr ma pprovda lill-esponenti jew lill-ibnu minuri b'ebda informazzjoni dwar fejn fil-fatt qed jirrisjedi jew x'qieghed jaghmel.

4. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi kontra l-intimat b'din l-istanza permezz ta'digriet f'dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbbli Qorti fis-6 ta' Frar, 2009 (hawn esebit u mmarkat Dok. B).

Ighid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimat u tistabbilixxi ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta d-data meta l-istess intimat ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, jew alternattivament minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri CB lill-esponenti salv l-access favur l-intimat stabbilit fl-ahjar interessi tal-minuri.

3. Tawtorizza lill-esponenti illi tghix separata mill-intimat zewgha.

4. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponenti martu ghaliha u ghall-minuri CB, dik ir-retta alimentarja xierqa li ghandha tigi ffissata minnha skond il-mezzi tal-intimat u l-bzonnijiet tal-esponenti u tal-minuri CB f'dawk il-modalitajiet li jidhrilha xierqa u opportuni inkluz provvediment ghall-awment perjodiku tal-istess manteniment biex jaghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja.

5. Tapplika kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta in toto jew in parte.

6. Tiddikjara bhala xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi mahtura ghal dan l-iskop, li l-istess oggetti formanti parti l-kommunjoni tal-akkwisti ghandhom jigu divizi bejn il-kontendenti.

7. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni kollha parafernali u dotali taghha.

8. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tabita fid-dar konjugali ad eskluzjoni tal-intimat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ta'medjazzjoni numri 86/2008 u 1459/2008 rispettivament u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf u bl-ingunzjoni tal-intimat minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta Guramentata tal-intimat DB li eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-eccipjenti jaqbel mal-ewwel talba attrici limitatament ghad-dikjarazzjoni u pronunzja ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici, illi rrendiet ruhha hatja versu l-eccipjenti ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi, illi wasslu ghat-tifrik irrevokabbli taz-zwieg tal-kontendenti u rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli, kif ukoll minhabba inkompatibbilita' serja ta' karattri. B'hekk f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif mitlub mill-attrici, l-effetti tal-imsemmi Artikolu ghandhom jigu komminati unikament kontra l-istess attrici;

2. Illi l-eccipjenti dejjem kellu sehem attiv fil-hajja ta' ibnu minuri u anke tul dawn l-ahhar xhur, meta minhabba ragunijiet ta' xoghol huwa kien qieghed jirrisjedi gewwwa r-Russja, l-eccipjenti dejjem zamm relazzjoni ottima ma' ibnu, tant illi ta' kuljum jikkomunika ma' ibnu tramite t-telefon. Effettivament, minkejja dak kollu allegat minnha, l-attrici ghandha n-numru tat-telefon tal-eccipjenti u tista' tikkuntattjah facilment f'kaz illi jkun hemm il-htiega illi tittiehed xi decizjoni importanti fir-rigward tal-minuri. Inoltre, l-eccipjenti diga' gie informat illi l-impjieg tieghu gewwa r-Russja ser jigi terminat minhabba *redundancy* fl-ahhar ta' April, 2009, meta l-eccipjenti se jerga' jirritorna lejn Malta. B'hekk, ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex it-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha fis-sens illi l-kura u kustodja tal-minuri C tigi fdata unikament lill-istess attrici;

3. Illi t-tielet talba mhix opposta, izda dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkommina kontra l-attrici d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 55A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista tal-fatt illi l-attrici rrendiet ruhha hatja tat-tkissir taz-zwieg bejn il-kontendenti;

4. Illi in kwantu ghar-raba' talba attrici, kif diga' rilevat, l-impjieg tal-eccipjenti ser jigi terminat fl-ahhar ta' April, 2009 minhabba *redundancy,* b'dan illi l-istess eccipjenti m'hu ser ikollu l-ebda alternattiva ghajr li jirritorna lejn Malta sabiex ifittex impjieg mill-gdid. B'hekk filwaqt illi m'ghandu l-ebda intenzjoni illi jevadi l-obbligi tieghu illi jmantni lill-ibnu minuri, l-eccipjenti prezentement mhux f'sitwazzjoni finanzjarja illi jipprovdi tali manteniment. In kwantu ghat-talba tal-attrici fir-rigward tal-manteniment ghaliha, l-eccipjenti jirrileva illi fl-ewwel lok, ghandu jigi ddikjarat illi l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha illi tircievi manteniment minghand l-istess eccipjenti, u dan ukoll in vista tat-talbiet tal-eccipjenti fil-kontro-talba tieghu, u fit-tieni lok, l-attrici tahdem fuq bazi full-time u ghalhekk hija perfettament kapaci illi tmantni lilha nnifisha u dan kif jista' jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi l-hames talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attrici, stante illi l-estremi tar-rekwiziti legali ghall-kommina tal-provvedimenti msemmija, ma jirrikorrux da parti tal-eccipjenti, izda biss da parti tal-attrici stess u kwindi l-istess provvedimenti ghandhom jigu kkomminati interament kontra l-attrici, liema talba ukoll tifforma l-mertu tal-kontro-talba hawnhekk ipprezentata;

6. Illi s-sitt talba attrici mhix opposta, izda dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkommina fil-konfront tal-attrici s-sanzjonijiet tal-Artikoli 48 et.seq. tal-Kodici Civili u ghandha ghalhekk tiddikjara illi l-attrici tilfet il-jeddijiet

imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu illi hija kisbet b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew wara z-zwieg, jew b'titolu iehor gratuwitu, minghand l-eccipjenti, liema oggetti ghandhom ghalhekk jigu rritornati lill-istess eccipjenti u tiddikjara inoltre illi l-istess attrci tilfet ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti illi saru l-akbar bil-hidma tal-eccipjenti wara d-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-attrici rrendiet ruhha hatja tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-eccipjenti u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili u fl-ahhar nett l-attrici ghandha tiddekadi mid-dritt illi titlob manteniment mill-eccipjenti – kollox kif mitlub fil-kontro-talba mressqa prezenzjalment;

7. Illi s-seba' talba attrici ma tistax tintlaqa' stante illi m'hemm l-ebda oggetti dotali jew parafernali tal-attrici illi jinsabu fil-pussess u/jew fl-amministrazzjoni tal-eccipjenti;

8. Illi kif diga'premess, it-tmien talba attrici hija opposta, stante illi jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi ghandha tikkommina l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 55A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, tali disposizzjonijiet ghandhom jigu applikati unikament kontra dik il-parti illi tkun irrendiet ruhha hatja ghat-tkissir taz-zwieg u cioe' f'dan il-kaz, kontra l-attrici;

9. Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ispejjez, gialadarba l-eccipjenti ma jahtix ghall-firda bejn il-kontendenti, liema firda giet ikkagunata unikament bi htijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-attrici, l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu ssopportati unikament mill-istess attrici;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-Rikors Guramentat tal-intimat DB li biha pprezenta Kontro-Talba u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw iz-zwieg bejniethom nhar is-16 ta’ Mejju, 1993, skond kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom, illi kopja taghha diga’ tinsab ipprezentata fl-atti tal-proceduri odjerni bhala Dok. A u minn dan iz-zwieg twieled l-iben uniku tal-kontendenti, C, nhar il-25 ta’ Jannar, 1995 illi ghalhekk ghadu minorenni;

2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-ligi, fosthom adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi kommessi mill-attrici rikonvenuta, kif ukoll minhabba inkompatiblita’ serju ta’ karattri;

3. Illi l-konvenut rikonvenjenti kien awtorizzat sabiex jipprocedi b’din l-istanza permezz ta’ digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti datat 6 ta’ Frar, 2009, illi kopja tieghu diga’ tinsab esebita in atti u mmarkata bhala Dok.B;

4. Illi l-attrici rikonvenuta kienet ilha tittrattjeni relazzjonijiet intimi ma’ rgiel ohrajn u dan sahansitra qabel mal-partijiet eventwalment isseparaw *de facto* u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi sa l-ahhar ta’ Ottubru, 2006 u cioe’ qabel mal-konvenut rikonvenjenti kellu jitlaq lejn ir-Russja minhabba ragunijiet ta’ xoghol, il-kontendenti kienu ghadhom jirrisjedu flimkien fid-dar matrimonjali taghhom, sakemm nhar it-3 ta’ Gunju, 2008 il-konvenut rikonvenjenti rritorna Malta wara l-

iskadenza tal-kuntratt tal-impjieg tieghu gewwa r-Russja, u sab illi l-attrici rikonvenuta kienet b'mod abbuziv u llegali biddlet is-serratura tad-dar matrimonjali, b'dan illi l-konvenut rikonvenjenti ma kellu l-ebda alternattiva ohra ghajr illi jikri post ta' residenza alternattiva ghaliex safa ngustament imkecci minn daru;

6. Illi l-konvenut rikonvenjenti gie nfurmat illi l-impjieg tieghu fir-Russja ser jigi terminat fl-ahhar ta' April, 2009 minhabba *redundancy,* b'dan illi huwa ser ikollu jirritorna lejn Malta u jfittex impjieg gdid. Ghalhekk prezentement il-konvenut rikonvenjenti mhux f''posizzjoni illi jhallas manteniment ghal ibnu minuri C. Minkejja illi prezentement mhux f'posizzjoni illi jipproduci kopji tal-kuntratt ta' impjieg prezenti tieghu, u tal-email illi permezz taghha huwa gie informat illi l-impjieg tieghu fir-Russja ser jigi tterminat fl-ahhar ta' April, 2009, il-konvenut rikonvenjenti jobbliga ruhhu illi jipprezenta kopji tal-istess ladarba dawn ikunu fil-pussess tieghu;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-konvenut rikonvenjenti;

RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

8. Il- prezenti proceduri qedghin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-ligi, u ukoll sabiex il-kura u kustodja tal-minuri CB tigi affidata ukoll f'idejn il-konvenut rikonvenjenti u jigu kkomminati

fil-konfront tal-attrici rikonvenuta d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 et. seq. u l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili.

TALBIET

Ghaldaqstant, il-konvenut rikonvenjenti, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob lill-attrici rikonvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti mil-ligi u mputabbli unikament lill-attrici rikonvenuta;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri C konguntivament f''idejn il-partijiet u taghti dawk il-provvedimenti kollha necessari sabiex tigi determinata r-residenza ordinarja tal-minuri, u sabiex jigi regolat l-access ghall-minuri b' hinijiet fissi;

3. Tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici rikonvenuta ddekadiet minn sehemha fil-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement tapplika l-effetti tal-Artikolu 48 et. seq. tal-Kodici Civili kontra l-istess attrici rikonvenuta u favur il-konvenut rikonvenjenti u konsegwentement tiddikjara illi l-attrici rikonvenuta tilfet il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu illi kienet kisbet b'donazzjoni, bi hsieb taz-zwieg, jew wara z-zwieg, jew b'titolu iehor gratuwitu, minghand il-konvenut rikonvenjenti, illi ghalhekk ghandu jigi ritornat lilu, u tiddikjara

inoltre illi l-attrici rikonvenuta tilfet ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma tal-konvenut rikonvenjenti wara d-data stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-attrici rikonvenuta rrendiet ruhha hatja tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-konvenut rikonvenjenti, u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skond l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili. Inoltre, dina l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-attrici rikonvenuta ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob manteniment mill-konvenut rikonvenjenti;

5. Prevja kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-ligi, tassenja d-dar matrimonjali tal-partijiet lill-konvenut rikonvenjenti, u tawtorizzah illi jghix fl-istess ad eskluzjoni tal-attrici rikonvenuta, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 55A tal-Kodici Civili;

6. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-kommunjoni tal-akkwisti, f'zewg ishma illi ma jkunux ugwali in segwitu ghall-hames talba hawn kontenuta u tassenja dak is-sehem illi jmissha lil kull parti ai termini tal-istess;

7. Tassenja lill-konvenut rikonvenjenti l-beni parafernali tieghu u/jew il-valur tal-istess u tordna lill-attrici rikonvenuta sabiex tirritorna lill-konvenut rikonvenjenti l-beni kollha parafernali tieghu, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz;

8. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-atti tal-medjazzjoni u dawk tal-mandati kawtelatorji illi qeghdin jigu pprezentati kontestwalment ma' dana l-att, kontra l-attrici rikonvenuta illi tibqa' minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-attrici rikonvenzjonata li ecceppiet is-segwenti:-

1. Illi l-ewwel talba rikonvenzjonali ghandha tigi milqugha biss pero' ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess intimat rikonvenzjonant;

2. Illi t-tieni talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-intimat rikonvenzjonant b'dan illi l-kura u kustodja tal-minuri C, ghandha tigi fdata f'idejn l-esponenti rikonvenzjonata bi dritt ghall-access lir-rikonvenzjonant fl-ahjar interess tal-minuri.

3. Illi t-tielet talba rikonvenzjonali ghandha tigi milqugha waqt li r-raba' u l-hames talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-intimat rikonvenzjonant u dana stante li, kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tar-rikors kemm promotur kif ukoll ta' dak rikonvenzjonali, ghat-tifrik taz-zwieg kien responsabbli unikament l-istess intimat rikonvenzjonant u ghalhekk jekk xejn l-effetti tal-Artikolu 48 et. seq. tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu applikati kontra tieghu u mhux kontra l-esponenti rikonvenzjonata.

4. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-intimat rikonvenzjonant b'dan illi ghandha tkun l-esponenti rikonvenzjonata li ghandha tirrisjedi fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-intimat.

5. Illi konsegwentement, is-sitt talba kif dedotta ghandha ukoll tigi respinta bl-ispejjez kontra l-intimat rikonvenzjonant.

6. Illi in kwantu jirrigwarda s-seba' talba, l-esponenti rikonvenzjonata tiddikjara illi meta abbanduna d-dar matrimonjali, l-intimat rikonvenzjonant kien ha mieghu l-oggetti kollha parafernali tieghu ghajr xi hwejjeg antiki u bicctejn mobbli zghar ta' valur negligibbli u ghalhekk ghajr dawn l-affarijiet ma hemmx oggetti parafernali ohra xejn x'jirritorna.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

FATTI

1. Ir-rikorrenti, iltaqghet mal-intimat meta kellha 25 sena. Tghid li l-intimat kien ghogobha peress li kellu karattru ferriehi, socjevoli u kien "*the heart of the party.*" Tispjega li hi trabbiet f'familja fejn sabet hafna support reciproku bejn l-ahwa u l- genituri, li kienu jistinkaw hafna fuq l-edukazzjoni taghhom u fuq is-sahha.

2. Ir-rikorrenti tiddeskrivi l-gherusija taghhom bhala wahda normali, minkejja li l-intimat kien jahseb li l-familja taghha kienu jippruvaw jikkontrollawha. Pero' tghid li kien fil-fatt l-intimat li kien il-hin kollu jipprova jikkontrollalha hajjitha. Il-genituri taghha kienu dejjem hemm biex jaghtuhom appogg kemm emozzjonali kif ukoll finanzjarju.

3. Ir-rikorrenti tispjega kif bdiet tinduna li l-intimat kien egoist u *self-centred,* qallha li kien ser isiefer ma' shabu ghal ghaxart ijiem, ftit wara li kienu ghadhom kemm gew lura mill-qamar il-ghasel. Ir-rikorrent tistqarr li hi

kienet kontra dan ghax kienet thoss li meta koppja tizzewweg kellha taghmel l-affarijiet flimkien u mhux separatament.

4. Ir-rikorrenti tkompli tiddeskrivi lill-intimat bhala persuna volatili, li jitilghulu malajr u bosta drabi kien anke vjolenti maghha, Jekk kien ikollhom xi jghidu, kemm il-darba kien jibda jsabbat l-affarijiet, jibki u jghajjat u jitlaq mid-dar u kien ikun hemm drabi fejn lanqas kien jidhol lura jorqod id-dar. Dan kien gara xi erba' darbiet. Tiddeskrivih ukoll bhala karattru pikuz, tant li ma tantx kien ikampa aktar minn sena u nofs/sentejn f'impjieg. Fil-fatt, tghid li bejn is-sena 1989 u 2001, l-intimat kien qed jipprova jottjeni l-lawreja u peress li ma kienx qed jahdem, kienu ghamlu xi xahrejn ighixu fuq il-paga part-time tar-rikorrenti, fejn kienet originarjament tahdem mal-Iswiss Air, imbaghad peress li l-kumpanija kienet sfaxxat kienet marret tahdem mal-Emirates.

5. Fl-1995 twieled it-tifel tal-partijiet C b'dizabilita' li tissejjah "spina bifida" u bil-kundizzjoni ta' "hydrocephalus." Ir-rikorrenti tispjega li t-twelid tat-tifel b'dizabilita' kien dizunur ghar-ragel taghha u l-familja tieghu u tghid li dawn kienu jsibuha difficli biex jittrattawh bhala bniedem bhal haddiehor. Tghid li kienu jwahhlu fiha peress li kellha terzo kugin ta' missierha li ma kienx jimxi. Ir-rikorrenti tghid li saret taf b'dan biss ftit jiem wara li twieled it-tifel, izda qabel kienet taht l-impressjoni li dan il-kugin kellu dizabilita' peress li meta ommu kienet tqila bih kellha incident. Ir-rikorrenti tistqarr illi l-intimat beda jghid li kieku kien jaf bil-kundizzjoni tal-kugin taghha E, u li dina skond hu kienet marda ereditarja (*spina bifida*) ma kienx jizzewwigha, izda tghid ukoll li saret taf li ohtu FG kienet tilfet tewmin fil-hames xahar tat-tqala u tghid li kien mn'Alla ghax kienu sfurmati u kienu jitwieldu b'dizabilita' u ghalhekk ma kienitx certa minn fejn seta' binhom twieled bl-*ispina bifida*.

Ir-rikorrenti tkompli tispjega illi hi u l-intimat kienu hadu d-decizjoni li joperaw lill-minuri immedjatament biex jippruvaw isalvawh. Peress li kienet welldet b'cesarja kienu ddecidew li jmorru joqoghodu ghand il-genituri taghha peress li l-intimat kien ser ikun ix-xoghol hafna mill-hin. Ir-rikorrenti tghid li hija kuntenta li kienu hadu d-decizjoni li hadu, ghax illum kieku ma kienx ikollhom tifel mimli hajja, energija u sens ta' mhabba ghall-hajja.

6. Matul l-ewwel sena li twieled C, ir-rikorrenti ssemmi kif kienu bdew il-problemi bejniethom u kien ghalhekk li telqet mid-dar u kienet marret tghix mal-genituri taghha u C. Il-familja tal-intimat kienu wissewh li jekk jerga' jirranga maghha u t-tifel seta' jinsihom. Dan wassal sabiex l-intimat ghazel li jergghu jirrikonciljaw u kien dam disa' snin ma jkellem lill-familjari tieghu.

F'Gunju, 1997, ir-rikorrenti kienet marret lura d-dar u l-affarijiet bejniethom donnhom qalbu ghall-ahjar, anke r-relazzjoni mal-genituri taghha. Bejn is-sena 1997 u 2006 l-intimat kien sar *close* hafna tal-genituri tar-rikorrenti, li sahansitra kien beka wara li miet missierha, ghaliex fih kien sab hafna support kemm finanzjarju, kif ukoll emozzjonali li qatt ma sabhom fil-familja tieghu. Ir-rikorrenti tispjega kif missierha kien hallas sabiex C jittiehed Ruma, fl-isptar Gemelli sabiex jaghmel intervent. Fil-fatt kienu ghamlu sentejn telghin u niezlin u saru erba' operazzjonijiet fuq C, li minhabba fihom illum jista' jpoggi bil-qieghda f'posizzjoni normali u jimxi bl-ghajnuna tal-*calipers*.

7. Bejn is-sena 1996 u 1997, l-intimat kien qed jahdem ma' Deloitte and Touche, imbaghad wara kien jahdem ma' Aluminium Extrusions,

imbaghad ghamel sena u nofs ma’ Travelex u wara perjodu mal-KPMG. Ir-rikorrenti tispjega li bejn 1989 u s-sena 2001, peress li l-intimat kien ghadu qed jistudja biex isir awditur, kien jahdem u jistudja u peress li mbaghad kellu l-passatempi tieghu bhall-football, volleyball u s-sajd, ftit kien ikollu hin biex ighinha bit-tifel. Kien hemm perjodu ftit qabel ma gab il-lawreja li l-intimat kien dizokkupat u kienu jghixu bil-paga tar-rikorrenti, izda kienu sabu hafna ghajnuna mill-genituri taghha. Hadd mill-familjari jew hut l-intimat ma ghejnuhom.

Minhabba dan kollu r-rikorrenti tghid li hi kienet tqatta’ hafna hin mat-tifel. Generalment kienet tahdem mid-9 sal-5 pm, izda minflok kienet tiehu break kienet tmur tigbor lill-binha mill-iskola fis-1.30 pm u tiehdu ghand ommha. Tghid li l-intimat rari kien ighin minhabba li dejjem kien ikollu xi laqgha ma’ xi klijent jew xi appuntament.

Ir-rikorrenti tghid ukoll li bejn is-sena 2001 u 2006 l-intimat kien jahdem konstantement mad-ditta KPMG u fis-sena 2006 kien hemm cans li jiehu promozzjoni ghal manager, izda ma kienx hadha peress li kellu glieda ma’ xi wiehed mill-kollegi tieghu waqt loghba futbol li kienu organizzaw tal-ufficju. Imbaghad, tghid ir-rikorrenti li peress li bdew jaghmlulu hajtu difficli, kien telaq minn dan l-impjieg. Kien hawn li beda juri interess li jmur jahdem barra minn Malta. Ir-rikorrenti tammetti li ghall-bidu ma kinitx kuntenta b’din id-decizjoni, izda meta rat l-entuzjazmu tal-intimat u li l-intenzjonijiet kienu sabiex ihallsu d-djun u jaqla’ aktar flus ghalihom bhala familja, kienet qablet illi ghandu jipprova jgib kuntratt definittiv ta’ sena ghall-prova u jekk kien kuntent il-pjanijiet kienu li jitilghu jghixu hemm hi u C.

Fid-29 ta' Ottubru, 2006, l-intimat kien telaq biex jahdem f'St.Petersburg, fir-Russja mal-kumpanja KPMG. Bejn Ottubru, 2006 sa Dicembru, 2006, l-intimat kien izomm kuntatt regolari mar-rikorrenti u binha. Kien jibghat ukoll Lm500 (€1200) u cioe' nofs il-paga tieghu lir-rikorrenti, li minnhom kienet thallas il-pagamenti mensili tal-loan mal-bank, pagamenti ta' *credit card,* biex tixtri l-biljetti tal-ajru, kif ukoll sabiex tixtri l-bzonnijiet ta' kuljum. Mill-paga taghha, imbaghad ir-rikorrenti tghid li kienet hallset l-ispejjez kollha relatati mad-dar u tal-familja, kif ukoll l-arretrati tal-income tax. Tghid li l-intimat kien baqa' jhallashom sa Ottubru, 2007.

Illum l-intimat ilu jahdem minn Gunju, 2014 ma' A & A Insurance, B'kara.[1]

8. Ir-rikorrenti tistqarr li kien ghall-habta ta' Jannar, 2007 meta ntebhet li l-affarijiet bejniethom ma kienux baqghu l-istess. Fl-Ewwel Tas-Sena l-intimat kien mar jara lil missieru wara disa' snin ma jitkellmux. Ir-rikorrenti tispjega li missier l-intimat kien marid u fil-fatt kien miet fi Frar, 2008. Tghid li wara li mar izur lil missieru kien mar jiekol mal-familja taghha, imma dakinhar l-intimat kien sieket hafna. Ir-rikorrenti tispjega ukoll li fl-Ewwel tas-Sena kienet l-ahhar darba li kien hemm relazzjoni intima bejniethom u wara dakinhar thoss li minflok kienu qishom koppja, kienu saru qishom ma jafux lil xulxin.

Ir-rikorrenti tammetti li kompliet tittama li forsi l-affarijiet bejniethom jittrangaw. Ippruvat torganizza vjagg mat-tifel C, biex imorru r-Russja biex jiltaqghu mal-intimat, izda kien sab l-iskuzi biex ma jitilghux. Tghid li kienet anke irrangat ma' ommha sabiex fi sajf meta l-intimat kien ser ikun

[1] Ara nota ta' sottomissjonijiet a fol.716 tal-process.

Malta, kienu jmorru jqattghu ftit granet fil-post tal-villeggiatura tal-familjari taghha l-Ghadira. Hawnhekk, tispjega li l-intimat kien kontinwament jircievi messaggi minghand certu HI u kienu messaggi li jindikaw li kien hemm relazzjoni intima bejniethom. Tghid li wiehed mill-messaggi kien jaqra hekk *"kiss you all over, hope to see you in a while."* Ir-rikorrenti tghid li meta hi u tifel kkonfrontawh innega kollox u qal li n-nisa Russi kienu jhobbu jdejjqu l-irgiel. Kien hawn li l-intimat kien qal lir-rikorrenti li ma kien hemm xejn bejniethom u li ried jissepara. Ir-rikorrenti tispjega kif riedet tghid b'kollox lit-tifel u talbet lill-intimat sabiex joqoghdu bil-qiedghda u jippreparaw lil C fuq is-separazzjoni bejniethom. Meta fl-ahhar ikkonvincietu, l-intimat qallha li xtaq jaghmel tentattiv iehor sabiex jipprova jsalva z-zwieg.

9. Meta l-intimat telaq lura lejn ir-Russja, f'Awissu, 2007, ir-rikorrenti tispjega li zgur l-intimat ma kellux intenzjoni li jirranga ghax tghid li qata' kull kuntatt maghha, kien taha numru tal-mobile Russu u dan kien dejjem mitfi. Imbaghad beda b'sensiela ta' vendikazzjonijiet, ibblokkjalha n-numru tal-mobile taghha, gibed il-flus li kien hemm fil-kont kurrenti *joint,* biegh il-karozza taghhom u ddepozita l-flus li akkwista €1,500 gol-credit card tieghu, nehhielha d-dritt tal-uzu tal-credit card bhala *additional card holder,* waqaf ihallas lura l-loan tad-dar u l-overdraft facility u spiccat bil-banek jigru warajha, jhedduha li kienu ser jehdulha d-dar jekk ma kinitx ser taghmel il-pagamenti.

10. Ir-rikorrenti tispjega illi minn Ottubru, 2007 sakemm f'April, 2009 b' digriet tal-Qorti, l-intimat gie ordnat ihallas manteniment ghall-minuri C, fis-somma ta' €380 fix-xahar oltre nofs l-ispejjes medici straordinarji u edukattivi, kien hallasha biss tlett cekkijiet li komplessivament kienu jammontaw ghal Lm360, oltre nofs il-mizata tal-iskola ghas-sena

skolastika 2007/2008. Ghalhekk ir-rikorrenti tghid li kienet spiccat li kellha tiehu hsieb l-ispejjes kollha hi mill-paga taghha u bl-ghajnuna t'ommha li kienet hargitlha ammont ta' flus biex tkun tista' tkampa.

11. Ghall-habta ta' Frar, 2008, l-intimat kien gie Malta ghax kien miet missieru. F'dan il-perjodu, ir-rikorrenti tghid li kellhom ukoll medjazzjoni, fejn l-intimat kien iddikjara li ma kienx bi hsiebu jerga' jidhol fid-dar matrimonjali. Fl-istess medjazzjoni, il-medjatur kien ukoll saqsieh jekk kienx dispost li jhallas manteniment ghat-tifel minuri peress li kien naqas li jhallas ghal erba' xhur, pero' qal li ma setax ihallas peress li fir-Russja kellu hafna spejjes. Wara l-intervent bejn l-avukati, l-intimat kien effettwa pagament globali ta' €838.57 maqsuma f'tlett pagamenti. Izid tghid li ommha hallset ghall-mizati tal-iskola ghas-sena skolastika 2008/2009, filwaqt li hi dejjem baqqghet thallas l-ispejjes medici u extra-kurrikulari tat-tifel

12. Bejn Ottubru u Dicembru, 2008 l-intimat kien icempel lil ibnu darba jew darbtejn fil-gimgha. Kien anke wieghdu li kien ser jigi ghall-Milied, pero' gie wara bla rigal ghal ibnu. Tghid li tul dan iz-zmien, l-intimat kien ammetta ma' ibnu li kienet intemmet ir-relazzjoni tieghu mal-habiba Russa u dan meta qabel kien cahad li kien f'relazzjoni. Kemm il-darba kien gie Malta kien baqa' jcempel lit-tifel xi darba jew darbtejn fil-gimgha.

13. Ghall-habta ta' Mejju, 2009, l-intimat kien gie Malta u skond ir-rikorrenti kien talab lid-Dipartiment tas-Servizzi tad-Dawl u Ilma biex jaqtghu s-servizzi mid-dar matrimonjali ghax kien infurmahom li hadd ma kien joqghod hemmhekk. Ir-rikorrenti tghid li saret taf dan kollu ghax kienet cemplet lid-Dipartiment. Hi kellha bzonn is-servizz tad-dawl u ilma,

specjalment minhabba li binhom C kien juza' c-chairlift tal-elettriku. Kien ghalhekk li kellha tmur tiffirma sabiex it-transfer tal-meter idur fuqha.

Ir-rikorrenti tghid li l-intimat kien ghamel l-istess mal-Go plc u kienet spiccat bla linja tat-telefon, sakemm kellu jintervjeni l-*credit controller* sabiex jakkwista l-firma tal-intimat sabiex il-kont idur fuq isimha.

Minn Ottubru, 2007 sa Mejju, 2009, ir-rikorrenti tispjega li l-intimat ma hallas ebda kontijiet u dan minkejja li l-ewwel sentejn li kien jahdem ir-Russja kellu paga ta' cirka $48,000 fis-sena kif ukoll l-ispejjes tal-ajru. Rigward it-tieni impjieg tieghu bejn Ottubru, 2008 u Mejju, 2009 dawn gew esebiti fl-atti tal-kawza.

14. F'Mejju ukoll ir-rikorrenti tistqarr li l-intimat kompla jkun vendikattiv, ghax kien ghamel mandat ta' deskrizzjoni fuq l-oggetti li kien hemm fid-dar, kif ukoll kien hareg mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' €260,000 u dan biex jikkawtela sehemhu mill-kommunjoni tal-akkwisti, meta hi tghid li d-dar matrimonjali kienet inxtrat bil-flus li kienu tawha l-genituri taghha u l-mobbli li kienu jinstabu fid-dar kienu kollha parafernali.

15. Ir-rikorrenti tghid li bejn il-25 ta' Lulju, 2009 sal-ewwel gimgha ta' Settembru, 2009 l-intimat ma kienx ikkomunika mat-tifel, hlief darba u kien ghajru giddieb u kien qallu "*Ask your mother about her cousin who had the same condition you have. I was told this about this cousin after you were born and all the Pace's including your mother lied to me about him.*"

KUNDIZZJONI TAL-MINURI

16. Ir-rikorrenti taghti spjegazzjoni dettaljata tal-istat fiziku u tas-sahha ta' binhom C. Mit-twelid kien ibati minn kundizzjoni maghrufa bhala Spina Bifida u Hydrocephalus identifikata bhala livell S2 u dan ifisser li minn qghaddu 'l isfel in-nervituri mhumiex kompletament zvillupati. Dan jirrizulta f'inkontinenza u nuqqas ta' mobilita'. Tispjega li llum C jaghmel uzu minn wheelchair u l-inkontinenza tieghu hija kkontrollata b'ezercizzji kuljum, dieta kontrollata u ilbies sanitarju. Il-parti Hydrocephalus tfisser li huwa inkapaci li jnehhi l-likwidi spinali tieghu naturalment, imma ghandu bzonn mezzi artificjali, biex jevita kompressjoni fil-mohh li jirrizulta f'mewt.

Ir-rikorrenti tat deskrizzjoni dettaljata ta' kif binhom C, iqatta' l-gurnata u x'ghajnuna ghandu bzonn. Tati ukoll deskrizzjonijiet tal-interventi kirurgici li gie assoggettat ghalihom u x'progress ghamel tul iz-zmien.[2]

KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Ir-rikorrenti elenkat l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, flimkien mad-djun u l-oggetti parafernali.

[22] Ara xhieda a fol.134 sa 138 tal-process.

ASSI

1. Dar u kontenut (dar matrimonjali) li qieghda f'No.8, Alley 7 St. Lucy Str, Naxxar.
2. Vetturi – zewg karozzi, Renault Scenic VLZ 251 (uzat minnha); Renault Megane DBF 262 (uzata minn Alex li bieghha f'Ottubru 2007 u biddilha f'Marzu, 2008 ma' Citroen Xzara DBP 245).
3. Dghajsa ta' 13-il pied mghammra b'magna mariner b'40 horsepower (li kienet mixtrija bil-flus tal-bejgh ta' flat 6/61 St. Anthony Street, Bugibba).

DJUN

1. HSBC flexi credit 1: kont numru 047066949301 li fadal huwa ta' €1334.74 (stair lift ghad-dar ta' C);
2. HSBC flexi credit 2 – kont numru 047066949302. Bilanc li fadal huwa ta' €2915.49 (stair lift ghal C);
3. HSBC overdraft facility: 047066949340. Bilanc li fadal huwa ta' €6100.89;
4. BOV House Loan: 352 059 120 10. Bilanc li fadal huwa ta' €44,927.87 (biex jintlesta No.8, Alley 7, St. Lucy Str, Naxxar;
5. JK u l-eredi tal-mejjet LK: self ta' €46,598.47 oltre interessi ta' 5% (li intuzaw sabiex jinxtara No.8, Alley 7, St. Lucy Street, Naxxar).

**1993-1995**

Fis-17 ta' Marzu, 1992, ir-rikorrenti tishaq li l-intimat kien xtara l-arja tal-fond 61, Flat 6 Bognor Mansions, St. Anthony Str, Bugibba minghand missieru u dan il-fond imbaghad intuza bhala d-dar matrimonjali qabel ma' xtraw il-fond tan-Naxxar u r-rikorrenti rrikonoxxiet illi dina kienet tirrapprezenta proprjeta' parafernali tieghu u ma kellha ebda pretensjoni fuqha.[3]

Tghid li l-intimat kien issellef Lm10,500 (€24,465) mill-bank u fuq il-kuntratt kien gie ddikjarat il-prezz ta' Lm3000 (€6,990) meta fil-fatt kien ta' Lm500 (€1,165) li tghid li hallsithom hi. Kien gie ddikjarat hekk sabiex l-intimat seta' jiehu loan biex jibni u jlesti l-appartament. Dan kollu gie negat mill-intimat.

Ir-rikorrenti tghid ukoll li kienet hallset Lm65 (€151.45) ghan-Nutar, Lm1,200 (€2,796) biex taghmel il-kcina u Lm270 (€629.10) ghall-appliances tal-kcina.[4] Ghalhekk tghid li hi ghandha tiehu l-ekwivalenti ta' €4740.27.

Izid tghid ukoll illi saru diversi pagamenti wara z-zwieg biex jigu ssettiljati l-loan tal-Lohombus Bank dovuti mill-intimat u dan ammontaw ghal Lm15,442.93 (€35,980), oltre t-taxxa dovuta fuq il-kuntratt li kien jammonta ghal Lm1680 (€3,914.40), li flimkien iwasslu ghall-total ta' €39,885.69 li thallsu fiz-zwieg u ghalhekk tinsisti li hemm kreditu favur l-intimat fl-ammont ta' €39,885.69.

[3] Ara Dok. AF2 a fol.169 tal-process.
[4] Ara Dok.IV 1 -IV 5 a fol. 452-456 tal-process.

Id-dar matrimonjali 61/6 f'St.Anthony Str, Bugibba, kienet inbieghet fil-5 ta' Marzu, 2003 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Roberta Bisazza[5] ghall-prezz ta' €55,904,96 u mir-rikavat, wara li thallas il-Lohombus, kien ghad fadal bilanc ta' €29,795.02 li tpoggew fil-kont personali tal-intimat mal-HSBC (numru 047 012 935 050) u b'dawn il-flus kien xtara d-dghajsa.

Ir-rikorrenti tghid li l-ghamara li kien hemm go din id-dar kienet kollha parafernali taghha, filwaqt hi kienet hallset ghall-kcina bl-accessorji bil-flus taghha qabel iz-zwieg.

Ir-rikorrenti tispjega li mbaghad kienu xtraw it-tieni dar matrimonjali No.8, Alley 7, St. Lucy Street, Naxxar ghall-prezz ta' €104,821,80 u kienet inxtrat parti minn flus li nghataw b'donazzjoni mill-ġenituri taghha fl-ammont ta' €58,234.33. Dan l-ammont kien inghata lilha mill-genituri taghha skond kuntratt tat-12 ta' Ottubru, 1995.[6] Imbaghad tghid li kienu hadu self ta' €46,587.47, oltre imghax bil-5% li nghataw ukoll mill-genituri taghha. Tispjega li kellhom ftehim li ffirmawh fil-12 ta' Ottubru, 1995 li kellhom jirrifondu lura dan id-dejn mill-flus tal-bejgh tal-ewwel dar matrimonjali, inkluz l-imghaxijiet.[7] Tghid li sal-gurnata ta' llum dawn il-flus kienu ghadhom ma hallsuhomx, izda minn naha l-ohra, l-intimat jinsisti li qatt ma kien hemm ftehim biex ihallsu lura dawn il-flus.

Ir-rikorrenti kkalkolat li l-komunjoni hija debitrici fil-konfront tal-genituri taghha fl-ammont ta' €85,022.13 (€46,587.46 self u €38,445 imghaxijiet bil-5% fuq sittax-il sena u sitt xhur).

---

[5] Ara Dok. AF 3 a fol.170 tal-process.
[6] Ara Dok. IV 6  A Fol.457 tal-process.
[7] Ara Dok.,IV7 a fol.458 tal-process.

DOTA

1. Ir-rikorrenti tispjega li l-genituri taghha kienu tawha s-somma ta' €46,587,47 li minnhom €34,940 kienu mhallsin sabiex tithallas l-ispiza tat-tieg u l-engagement u kienet uzat il-flus biex tixtri l-ghamara li ghadhom fid-dar matrimonjali, dawn kienu jinkludu l-antikitajiet kollha li hemm fid-dar, barra coffee table, skrivanija u sodda li kien gabhom l-intimat qabel iz-zwieg. Tghid li kien hemm ukoll l-ammont ta' €11,646.86 li kienu ddepositati go kont b'imghaxijiet gholjin (8%) ghal sentejn.

   Ir-rikorrenti tispjega ukoll illi r-rigali li kienu qalghu ghat-tieg kienu jinstabu fid-dar matrimonjali, filwaqt li l-flus li kienu rcevew kienu uzawhom ghall-honeymoon fil-Karibew peress li l-intimat ma kellux flus biex ihallas ghalih.

   PARAFERNALI

   Ir-rikorrenti tiddikjara f'xiex kienu jikkonsistu l-assi parafernali taghha u telenka s-segwenti :-

   1. BOV fixed account 182 047 21 012 b'bilanc ta' €6988.12 (Dicembru, 1992) u dan l-ammont intuza bhala garanzija ghal ewwel self minghand il-Lohombus sabiex tinxtara l-ewwel dar matrimonjali. F'affidavit li pprezentat aktar tard ir-rikorrenti ddikjarat li qabel is-16 ta' Mejju, 1993 il-bilanc li kellha f'dan il-

kont kien jammonta ghal Lm1736.476 li jwassal ghall-bilanc li ddikjarat qabel.[8]

2. BOV Savings account 148 030 840 15, b'bilanc ta' €10, 705,80 (Dicembru 1991). Dan l-ammont intuza sabiex tithallas il-kcina fl-ewwel dar matrimonjali u biex jithallsu ukoll xi accessorji tat-tieg (fosthom il-kiri tal-ilbies tal-gharus, bestman, usher, xhieda u kull min kellu libsa mikrija ghalih). F'affidavit ulterjuri tiddikjara li l-bilanc f'dan il-kont kien ta' Lm1736.476 li jekwivali ghal €4,045.98 u mhux kif iddikjarat qabel.[9]

3. Ir-rikorrenti ukoll semmiet kont iehor li kien parafernali mal-Bank of Valletta plc li kien igib in-numru 148-03084028 u tghid li sas-16 ta' Mejju, 1993 kellu bilanc ta' Lm520.209 li jekwivali ghal €1,212.06.[10]

4. Karozza mhallsa kollha Renault 5 Campus bin-numru ta' registrazzjoni EAL 085, li giet mibjugha fl-1996 ghall-prezz ta' €1863.50 u ghalhekk tghid li ghandha kreditu mill-komunjoni ghal dan l-ammont u flokha kienet inxtrat Peugeot 306, li kienet ukoll mibdula ma' Megane Scenic VLZ 251.

Ir-rikorrenti tispjega illi waqt iz-zwieg kienu inxtraw zewg vetturi ohra Citroen Xsara bin-numru ta' registrazzjoni DBP 245 u Renault Megane Scenic bin-numru ta' registrazzjoni VLZ 251. Tispjega li c-Citroen Xsara kienet inxtrat fis-sena 2008 bla ma kienet taf, filwaqt

[8] Ara Dok.VI1 a fol.452 tal-process.
[9] Ara Dok,.VI2 a fol. 453 tal-process.
[10] Ara Dok. VI 3 a fol.454 tal-process.

li r-Renault giet elevata mill-Marixall tal-Qorti wara mandat ta' qbid mid-dealer Brincat Auto Dealer kontra l-intimat peress li ma kienx hallas il-vettura u ghalhekk ir-rikorrenti tghid li spiccat minghajr karozza.

5. Tghid ukoll illi l-karozza tal-intimat Seat Ibiza, ma kinitx ghadha mhallsa u kompliet tithallas bin-nifs wara iz-zwieg.

6. B'nota pprezentata fit-23 ta' Novembru, 2017 ir-rikorrenti tat rendikont tal-ispejjes edukattivi li kien baqa' ma hallasx. Hija elenkat is-segwenti :-

i) €430.81 dovuti lir-rikorrenti ghas-sena 2007/2008;
ii) €1,350 dovuti lir-rikorrenti ghas-sena 2008-2009;
iii) €1,537.50 dovuti lil St.Michael' s Foundation ghas-sena 2010-2011;
iv) €1,642.50 dovuti lil St.Michael' s Foundation ghas-sena 2011-2012,

Ghalhekk it-total dovut mill-intimat lir-rikorrenti huwa ta' €1,780.81 u t-total dovut mill-intimat lill-iskola St. Michael' s Foundation huwa ta' €3,180.[11]

Ir-rikorrenti tghid ukoll illi peress li binha C, kien ibati mill-*ispina bifida* u kull minn ibati minn dina l-kundizzjoni jbati hafna mill-kliewi u ghalhekk kull tlett xhur ghandhom kors antibiotics x'jiehdu. Tghid li minkejja li ghandha l-BUPA, din il-kumpanija ghandha l-capping u ghalhekk minflok ghamlet *claim* ghall-medicini, kienet ghamlet claim ghall-konsulenti medici.

[11] Ara fol-1870 tal-process.

Dwar spejjez ohra, ir-rikorrenti ssemmi l-ispejjes relatati ma' vjagg ma' C tal-klabb tal-basketball. Tghid li ma kinitx qed titlob l-ispejjes li ghamlet hi biex marret ghal dan il-vjagg, izda li kienet qed titlob lura kienu l-ispejjes tal-biljett tal-ajru, ir-*request for special assistance,* it-tisrif tal-flus u l-ispejjes tal-lukanda.[12]

Ir-rikorrenti qed titlob ukoll kumpens ghat-tiswijiet ghall-istair lift 'l ghaliex C, juzah biss ghall-htigijiet tieghu.

Dwar il-kors tal-STC tal-2014 ir-rikorrenti kkonfermat illi t-tifel ma spiccax il-kors.[13]

Rat ix-xhieda tal-intimat li kellu x'ighid is-segwenti:-

1. Jikkonferma li zzewwgu fis-6 ta' Mejju, 1993 u jametti li mill-ewwel beda l-inkwiet fil-hajja matrimonjali taghhom ghaliex ir-rikorrenti kienet thalli lill-genituri taghha jindahlu fil-hajja personali taghhom.

L-intimat ikompli jispjega li z-zwieg taghhom qaleb ghall-aghar meta kellhom it-tifel taghhom C, li kien twieled bl-*Ispina Bifida*. Jametti li dan kien perjodu ta' tensjoni kbira ghalihom ghax kienu ghaddew l-ewwel sitt snin ta' hajtu diehlin u hergin minn operazzjoni ghal ohra. Ighid li r-rikorrenti kienet ammettiet mieghu li kien hemm kugin taghha li kellu l-istess kundizzjoni ta' C u kien hadha bil-kbira ghax hass li r-rikorrenti kienet ingannatu ghax ma kienet semmiet xejn qabel iz-zwieg. Fil-fatt fuq dawn l-estrem kien fetah l-kawza ta' annullament.

2. Minn meta twieled it-tifel C, l-intimat jametti li l-affarijiet ma baqghux l-istess, ghax kien jahseb li ma setax jafda lill-martu u l-familja taghha aktar

[12] Ara fol.1678-1682 u 1691.
[13] Ara fol.1557 u 1527-1539.

kienu jindahlu. Fis-sena 1997, ir-rikorrenti kienet telqet mid-dar matrimonjali u kienet marret tghix mal-genituri taghha. Kienu damu mifrudin ghal xi sitt xhur u tul dan il-perjodu, fejn l-intimata kienet diga' bdiet bil-proceduri ta' separazzjoni, l-intimat ighid li ma kienx jara lil ibnu ghax ir-rikorrenti ma kinitx thallih, tant hu hekk li ma kienx qatta' t-tieni birthday tieghu, mieghu. Meta rrangaw, il-problemi minflok naqsu zdiedu. Hu haseb li ghall-anqas seta' jkun vicin ta' ibnu, izda aktar m'ghadda z-zmien il-genituri tar-rikorrenti kienu jindahlu aktar u l-istess rikorrenti kienet timmanipulah u kull darba li kien ikollhom xi jghidu kienet theddu li tkun ser terga' titlaq bit-tifel.

3. L-intimat jispjega li lejn l-ahhar qabel ma nfirdu kien induna li l-kont tal-bank kien qieghed dejjem jonqos u beda jissuspetta li r-rikorrenti kienet qed isarraf il-flus. Imbaghad sab li bejn Jannar 2006 u Novembru, 2007, kienet harget diversi cekkijiet lil Emirates, fejn ghadha tahdem sal-gurnata ta' llum sabiex tiehu l-cash.

4. Jikkonferma li l-affarijiet qalbu ghall-aghar, meta fit-3 ta' Gunju, 2008, kien irritorna lura d-dar u sab li r-rikorrenti kienet bidlet is-serratura tad-dar u jghid li dan kollu sar bi skop, ghax ghal zmien twil, ir-rikorrenti kienet ilha tippjana li titilqu u ghalhekk kienet qed issarraf il-flus. Ighid li spicca mid-dar matrimonjali u kellu jikri post, fejn kien ghadu jghix sallum, filwaqt li r-rikorrenti baqqghet tghix komda fid-dar matrimonjali.

5. L-intimat xehed ukoll fuq il-kura u kustodja, kif ukoll fuq l-access ghall-minuri, pero' peress li fil-mori tal-kawza, il-minuri C sar maggorenni, dina l-Qorti mhix se tikkunsidra din it-talba.

MANTENIMENT

6. Dwar il-manteniment, l-intimat jikkonferma li skond digriet tal-21 ta' April, 2009, kien gie obbligat li jhallas manteniment ghall-ibnu fl-ammont ta' €380 fix-xahar, oltre ghal nofs l-ispejjes edukattivi u nofs l-ispejjes medici ta' natura straordinarja. Jiddikjara li dan l-ammont huwa wiehed gust.

Madanakollu, ir-rikorrenti tishaq li minkejja d-digriet tal-21 ta' April, 2009, l-intimat qatt ma hallas l-ispejjes medici straordinarji u dwar l-ispejjez tal-edukazzjoni tal-istess minuri, mill-2010 kien ilu ma jhallas il-mizati ghall-perjodu ta' sentejn. Dan kollu gie kkonfermat mill-intimat u jzid ighid li peress li t-tifel kien intitolat ghall-trattament mediku b'xejn fl-Isptar Mater Dei, ghalhekk ma hassx il-htiega li ghandu jhallas.

Gie stabbilit mir-rikorrenti li peress li t-tifel C kien ghalaq sittax-il sena kien intitolat ghall-beneficcju tad-disabilita' u kien jircievi €400 fix-xahar.

Jinsisti li ma kienx hemm raguni li tiggustifika li jhallas manteniment ghar-rikorrenti.

7. L-intimat in subizzjoni ddikjara li meta mar ir-Russja fid-29 ta' Ottubru, 2008 kien jahdem ma' KPMG CIS bhala assistant auditor. Ighid li ma setax jikkonferma kemm kien jaqla' dak iz-zmien ghaliex l-FS 3 tieghu kienu fid-dar matrimonjali u m'ghandux access ghaliha u ghalhekk ghal l-istess dokumenti.

L-intimat jispjega ukoll illi f'Gunju, 2008 kien mar jahdem fuq bazi part-time ma' Baker and Tilly u kien dam xi xahar ghax kienu waqqfuh. Imbaghad kien

hadem ma' Ernst & Young Cyprus bhala audit manager. Ighid illi kien jahdem ghar-rasu mill-ufficcju tieghu fl-Imsida, fejn jabita ukoll u jhallas kera ta' €400 fix-xahar u minn Ottubru 2011 kien beda jahdem ma' Notabile Consultancy Limited u kien baqa' hemm sa Novembru 2012. Minkejja li ma kienx gab il-payslips ghax ighid li remihom, iddikjara li kien jaqla' cirka €2,000 fix-xahar. Mix-xhieda tieghu fit-28 ta' Frar, 2013 jirrizulta li kien jahdem ma' Corinthia Construction Overseas Limited u ilu jahdem minn Novembru, 2012 u ghandu paga ta' €4,000 fix-xahar. L-intimat jistqarr illi dawn il-flus imorru go kont bankarju mal-Banif Bank f'isem MN, jghid li ghandu prokura fuq dan il-kont u kellu jaghmel hekk minhabba xi sekwestri li kien hemm f'ismu jew f'isem ir-rikorrenti.

L-intimat jishaq ukoll illi nofs l-introjtu li kellu bejn Novembru, 2006 sa Novembru 2007 u cioe' cirka Lm500 kien jigi trasferit permezz ta' bank transfer gewwa kont kurrenti f'isem il-partijiet u jghid li kienet ir-rikorrenti li kienet tiehu hsieb dan il-kont. Minn dawn il-flus kienu jithallsu tlett flexicredits, li kienu a) loan fuq il-vettura Renault Scenic VLZ 251 li ghadha tintuza mir-rikorrenti b) loan fuq ic-chairlift u jghid li kontra dan kienu hadu sussisdju minghand il-Housing Authority ta' madwar Lm2,200 li kien gie depozitat fil-*joint current account* c) loan fuq portable chairlift li nxtara biex jinzamm fid-dar ta' omm ir-rikorrenti u dan ghadu hemm. Ighid li l-paga tar-rikorrenti kienet tidhol go dan il-kont ukoll.

L-intimat jispjega illi minn dan l-ammont ta' Lm500, wara li kienu jithallsu l-loans, kien jibqa' xi Lm214. Tul dan iz-zmien jikkonferma li r-rikorrenti kellha iddepozitat f'dan il-kont, is-somma ta' Lm6,483 (€15,105).

L-intimat jistqarr ukoll illi dawn il-loans ma baqghux jithallsu ghaliex ir-rikorrenti kienet qed thallas il-house loan sa Marzu, 2008 waqt li l-ahhar

pagament tieghu mal-HSBC Bank (Malta) plc. sar f'Mejju, 2008 u dan ghaliex ighid li ma kellux l-mezzi finanzjarji biex ikompli jhallas u fuq kollox kien gie negat l-access ghad-dar matrimonjali. Ir-rikorrenti kienet baqghet thallas il-loan fuq il-vettura Renault.

ASSI

Assi Parafernali tal-Intimat

1. L-intimat jistqarr illi hu kien akkwista l-proprjeta' 61/6 Bognor Mansions, St. Anthony Str, Bugibba fis-17 ta' Marzu, 1992 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone.[14] Fit-23 ta' Ottubru, 1992 kienet saret skrittura privata li giet iffirmata mir-rikorrenti fejn gie ddikjarat illi l-imsemmija proprjeta' kienet tappartjeni lill-intimat u ma kellha ebda pretensjoni fuq l-istess.[15] Dan l-istess post imbaghad inbiegh fil-5 ta' Marzu, 2003 ghall-prezz ta' €24,000.[16]

Assi Parafernali tar-Rikorrenti

L-intimat jiddikjara li l-genituri tar-rikorrenti kienu tawha s-somma ta' tmienja w hamsin elf, mitejn w erbgha w tletin Ewro, tlieta w tletin centezmu (€58,234.33).

IL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

---

[14] Ara Dok. AF2 a fol.169 tal-process.
[15] Ara Dok.AF3 a fol. 170 tal-process.
[16] Ara Dok. AF 4 a fol. 176 tal-process.

1. Id-dar matrimonjali 8, Sqaq 7, Triq Santa Lucija, Naxxar. L-intimat ighid li din kienet inxtrat fiz-zwieg fit-12 ta' Ottubru, 1995 u llum tiswa' cirka €490,000.00.

2. Vetturi

L-intimat jiddentifika zewg vetturi, wahda Citroen Xsara bin-numru ta' registrazzjoni DBP 245 li tiswa' cirka €7,800 u din kienet tinstaq minnu. L-intimat jikkonferma li minn dan l-ammont ma kien hallas xejn u Colin Brincat minghand min kien xtara l-karozza kien qabadhielu tramite l-Qorti. L-istess Brincat kien qabad ukoll ir-Renault Megane Scenic ghax ma kienx hemm bizzejjed flus biex jifdi d-dejn.

Hemm ukoll il-vettura tal-marka Renault Megane Scenic bin-numru ta' registrazzjoni VLZ 251 li llum tiswa' madwar €4,356 li tintuza mir-rikorrenti. Ighid li gab il-valur taghhom mill-insurances.

3. Dghajsa bl-isem "The Beast" bin-numru ta' registrazzjoni S – 15764 tal-mudell Boston Whaler u ighid li ghandha valur ta' €1,400 pero' kien ghad fadal bilanc fuqha ta' €1,195.41 li ghadu dovut lis-socjeta' Glassfibre Industries in konnessjoni ta' servizzi li dawn ghamlu fuq l-istess dghajsa.[17]

   Skond ir-rikorrenti, l-intimat kien biegh din id-dghajsa ad insaputa taghha u r-rikavat minn dan il-bejgh inzammu mill-intimat. L-intimat jishaq illi id-dghajsa kienet giet maqbuda mill-kumpanija Glass Fibres Industries Limited peress li kien ghadu debitur u kien irranga tramite OP, zijuh li setghu jiehdu lura d-dghajsa minflok li jmexxu bil-Qorti.

[17] Ara Dok.AF 5 a fol.175 tal-process.

4. Kontijiet bankarji

Skond l-intimat l-unici *joint accounts* li kellhom bejniethom huma dawk li jirrigwarda s-self li kienu hadu mill-Bank of Valletta plc u HSBC Bank (Malta) Limited.

Ir-rikorrenti tinsisti li l-intimat m'ghandux kontijiet bankarji f'ismu ghaliex flusu jinstabu go kont f'isem haddiehor sabiex hi ma tkunx taf x'ghandu.

5. Dwar l-effetti mobbli li jinstabu fid-dar matrimonjali dawn, ighid l-intimat jinstabu elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni numru 96/2009 u fost dawn l-oggetti hemm mobbli li nghataw bhala rigal mill-familjari tieghu.[18]

   L-intimat elenka lista ta' dawk l-oggetti li jixtieq jigu assenjati lilu.[19]

   Ir-rikorrenti tiddikjara li l-mobbli kollha indikati fil-mandat ta' deskrizzjoni 961/2006 kienu moghtija mill-genituri taghha bhala dota u rigali.

6. L-intimat jikkonferma ukoll illi c-chairlift li kien jinsab ghand il-genituri tar-rikorrenti kienu xtrawh hu u martu permezz tal-facilitajiet tal-Flexicredit li kellhom mal-HSBC Bank Malta plc.

DJUN

7. L-intimat identifika s-segwenti bhala dejn:-

---

[18] Ara Dok. AF 6 a fol.180 tal-process.
[19] Ara Dok.AF7 a fol. 181 tal-process.

- Dejn ta' €44, 927.887 mal-Bank of Valletta plc u dan jirrapprezenta self li kienu hadu sabiex jaghmlu xi xogholijiet fid-dar matrimonjali u dan kif jirrizulta mill-kuntratt datat 17 ta' Lulju, 1998 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja.

  Ighid li l-bank kien bghatilhom ittra ufficjali fil-31 ta' Lulju, 2009 fejn heggighom biex jaghmlu l-pagamenti li kien ghad fadal u avzahom li fin-nuqqas kien se jipprocedi kontrihom.[20]

- Dejn ta' €15,780.49 mal-HSBC Bank (Malta) Limited u dan huwa dejn relatat ma' credit u overdraft facilities illi l-Bank kien awtorizza favur taghna u jispjega l-intimat, li peress li ma kinux qed isiru pagamenti, gew konvertiti *f'loan facility,* wara li l-Bank ghamel *call-in.*

  L-intimat jispjega illi llum il-Bank ghandu titolu ezekuttiv ghall-imsemmi ammont in vista ta' ittra ufficjali tal-20 ta' Awissu, 2009.[21] Ighid li ma setax ihallas peress li ma kienx f'posizzjoni finanzjarja li jaghmel dan. Jishaq li pprova jikkonvinci lir-rikorrenti sabiex jaqsmu l-pagamenti tal-Bank u jhallsu nofs kull wiehed, izda r-rikorrenti qatt ma kienet irrispondiet. Ighid li l-avukat tieghu kien bghat ittra fit-12 ta' Ottubru, 2009 f'dan is-sens lir-rikorrenti u peress li qatt ma rrispondiet ma jhossx li tkun haga gusta li jhallas intortament.[22]

8. L-intimat ighid ukoll illi kien hemm xi dejn mad-Dipartiment tat-Taxxi pero' ma kienx jaf ezatt x'kien l-ammont dovut. Aktar tard gie pprezentat

[20] Ara Dok.AF8 u AF9 esebiti a fol. 187 u 189 tal-process.
[21] Ara Dok.AF10 a fol.194 tal-process.
[22] Ara Dok. AF11 a fol.196 tal-process.

Avviz ta' Talba ghall-Hlas minghand id-Dipartiment tat-Taxxi Interni fejn jirrizulta li sas-sena 2013, l-intimat kellu jhallas l-ammont ta' €19,198 bhala arretrati tat-taxxa.[23]

Ir-rikorrenti tikkonferma li da parti taghha m'ghandha l-ebda arretrati mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

AMMONTI INSPJEGABBLI ILLI INGRID NEFQET MILL-JOINT ACCOUNT TAGHHA

9. L-intimat jispjega illi bejn Jannar, 2006 u Novembru, 2007, irrizultalu li r-rikorrenti kienet harget diversi cekkijiet favur Emirates Airlines. Jirrizultalu li r-rikorrenti kien irnexxielha tisparixxi l-ammont ta' €9,986.00 mill-kont bankarju taghhom. L-intimat huwa konvint li r-rikorrenti ma kinitx hallset verament peress li kienet qed tfassal il-pjan tas-separazzjoni.[24]

   Ir-rikorrenti tispjega illi n-numru ta' *cheques* li kienet tiffirma u kienu pagabbli lil Emirates biex il-kumpanija tghaddilha l-ammont indikat fic-cekkijiet bhala cash u dan minflok toqghod tmur il-Bank u tigbed il-flus li kellhom *joint.*

10. L-intimat ipprezenta l-proposti tieghu ta' kif ghandhom jinqassmu d-djun tal-komunjoni tal-akkwisti u xi xtaq li jigi assenjat lilu.[25]

[23] Ara fol.807 tal-process.
[24] Ara Dok, AF 12 a fol 198 tal-process.
[2525] Ara xhieda a fol 152/153 tal-process.

**FATTI OHRA**

1. Ivan Cilia in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ddikjara li bin il-partijiet C, kien jircievi pensjoni tad-disabilita' u kien ilu jirceviha mid-29 ta' Jannar, 2011, jigifieri malli ghalaq sittax-il sena. Dan l-ammont jircevih sena b'sena u kien ghadu jircevih sal lum. Ighid ukoll illi l-amministratur kienet ir-rikorrenti u kienet hi li dehret quddiem il-Bord, flimkien ma' C. Ighid ukoll illi meta saret l-applikazzjoni x'aktarx li l-genituri kienu ghadhom flimkien.

   Il-pensjoni tammonta ghal €99.40 fil-gimgha, flimkien ma' €3.12 ohra addizzjonali maghhom fil-gimgha, li ghalhekk l-ammont huwa cirka ta' €102.52.[26] Ma' dawn ghandhom jizdiedu l-bonuses ta' kull sitt xhur ta' €135.10 kull darba, jiehu ukoll il-bonus tal-gholi tal-hajja u l-COLA bonus.

   Ix-xhud spjega li jekk persuna b'dizabilita' tibda tahdem, il-pensjoni ma tieqafx diment li jaqilghu sal-paga minima nazzjonali. Jekk persuna jircievi cirka €270 fil-gimgha, il-pensjoni mbaghad tieqaf kompletament.

2. Mary Attard il-Head tal-Iskola Giovanni Curmi Higher Secondary, Naxxar, ikkonfermat li l-intimat kien jattendi l-Higher Secondary, fejn qiedgha Head. Tghid li C, kien attenda AIO course (advanced, intermediate u ordinary course). Tikkonferma li meta tattendi skola Sixth Form l-istudenti jircievu stipendju, izda tispjega li jekk ikollhom certifikati medici dawn ighoddu biss sa hmistax-il gurnata f'sena skolastika, f'liema kaz imbaghad jitnaqqaslu l-istipendju.

---

[26] Ara Dok.DSS1 – DSS3 a fol.523-525.

3. Kien tela' jixhed CB partikolarment rigward ir-relazzjoni tieghu mal-intimat missieru u dan ai finijiet tal-kura u kustodja jew access, izda peress illi fil-mori tal-kawza, C sar maggorenni, m'hemmx il-htiega li l-Qorti tikkunsidra dawn il-fatti.

4. Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank (Malta) plc ghamlet ricerka fuq kontijiet bankarji f'isem l-intimat tul l-ahhar hames snin mill-1 ta' Jannar, 2005 u rrizultala s-segwenti:-

i) Savings account number 047012935050 [27]
ii) Loan account number 047012935340 illum maghluq[28]
iii) Visa card u visa gold card
iv) Current account f'isem iz-zewg partijiet 047066949001[29]
v) Loan account f'isem iz-zewg partijiet 047066949301[30]
vi) Loan account f'isem iz-zewg partijiet 047066949302[31]
vii) Loan account f'isem iz-zewg partijiet 047066949340[32]
viii) Loan account f'isem iz-zewg partijiet 047066949341[33]
ix) Loan account f'isem iz-zewg partijiet 047066949300 illum maghluq[34]
x) Loan account f'isem iz-zewg partijiet 047066949301 li llum huwa maghluq.[35]

---

[27] Ara Dok.AG1 a fol.918 tal-process.
[28] Ara Dok.AG2

[29] Ara Dok.AG 3
[30] Ara Dok.AG 4
[31] Ara Dok.AG 5
[32] Ara Dok.AG 6
[33] Ara Dok.AG 7
[34] Ara Dok.AG 8
[35] Ara Dok.AG 9

Dwar ir-rikorrenti, ir-rapprezentanta tal-HSBC Bank (Malta) plc, sabet is-segwenti kontijiet bankarji:-

i) Current account bin-numru 050083419001[36]
ii) Loan account bin-numru 050083419050[37]
iii) Savings account bin-numru 050083419050 infetah u naghlaq dakinhar[38] stess fl-20 ta' Novembru, 2007
iv) Visa Card account

5. Joseph Borg Cardona in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. xehed fuq il-kontijiet bankarji tal-intimat tul dawn l-ahhar hames snin u rrizultawlu s-segwenti kontijiet:-

i) Savings account f'isem iz-zewg partijiet number 12800728020[39]
ii) Current account f'isem iz-zewg partijiet number 15205912014[40]
iii) Current account f'isem l-intimat illum maghluq number 18203735041[41]
iv) House loan f'isem iz-zewg partijiet number 40011711212[42]
v) Savings account f'isem iz-zewg partijiet number 40011711212[43]
vi) Credit card loan f'isem iz-zewg partijiet number 40017654700[44]
vii) Visa card f'isem l-intimat[45]
viii) Visa card f'isem l-intimat[46]

---

36 Ara Dok.AG 12
37 Ara Dok.AG 13
38 Ara Dok.AG 14
39 Ara Dok.JBC 1
40 Ara Dok,JBC 2
41 Ara Dok.JBC 3
42 Ara Dok.JBC 4
43 Ara Dok, JBC 5
44 Ara Dok. JBC 6
45 Ara Dok.JBC 7
46 Ara Dok.JBC 8

6. Maruska Buttigieg Gili, in rapprezentanza tal-Banif Bank (Malta) plc ikkonfermat li l-intimat ghandu prokura fuq kont ta' terzi persuni, specifikatament fuq kont kurrenti ta' MN (karta ta' identita' numru 423468 (M)[47]. Tghid li dan il-kont infetah fit-30 ta' Lulju, 2009 b'bilanc ta' €40,880 u sal-2010 kien hemm bilanc ta' €4,298.80.

Tispjega li l-intimat jista' johrog cekkijiet minn dan il-kont, kif ukoll ghandu debit card abbinat mal-istess kont, pero' ma setghetx tghid minn effettivament juza' din il-card. Ix-xhud esebit *cheque images* ta'cekkijiet depozitati jew mahruga fuq dan il-kont, kif ukoll esebit it-*transaction history* u cash withdrawals mill-istess kont. Dwar Dok MBG2 ikkonfermat li dan kien gie imsarraf mill-Banif Bank stess u Dok. MBG 3 dan gie msarraf mit-Travelex.[48]

Ikkonfermat ukoll illi kienu nhargu zewg bank drafts mill-Bank lir-rikorrenti fuq struzzjonijiet tal-intimat, liema bank drafts gew msarrfa.[49]

7. In-Nutar John Gambin kien in-nutar ta' missier ir-rikorrenti, QR, u jghid li kull darba kien se johrog il-flus ghal haddiehor, kien ikun irid ikopri lilu nnifsu kif ukoll fil-konfront ta' uliedu biex ma jkollux preferenzi. Ghalhekk kien dejjem jaghmel *private agreements.*

In-Nutar ikkonferma li kien hemm kuntratt ta' donazzjoni minn LK u martu lir-rikorrenti binthom fis-somma ta' Lm25,000 (€58,250) u kien hemm iddikjarat fl-istess kuntratt li din is-somma kienet qed tithallas biex tixtri d-dar fin-Naxxar u jithallsu t-taxxi u l-ispejjez relattivi.[50]

---

[47] Ara Dok.MBG 1 a fol.
[48] Ara Dok. MBG 2 – MBG 8
[49] Ara Dok. MBG 2 u MBG 3.
[50] Ara Dok. JG 2

Jikkonferma ukoll illi l-istess genituri tar-rikorrenti kienu selfu lir-rikorrenti u lir-ragel taghha s-somma ta' Lm20,000 (€46,600) skond skrittura li giet iffirmata l-istess gurnata li fiha giet iffirmata d-donazzjoni.[51]

8. JK, hu r-rikorrenti jikkonferma li kellhom kugin E, li kien dizabbli u li ma kienux jafu ezatt b'xiex kien isoffri. Ighid li ghalkemm kienu kugini, ma tantx kienet vicin ta' xulxin.

Dwar l-gherusija ta' ohtu mal-intimat, ighid li kienet gherusija normali u kienu jidhru li jhobbu lil xulxin, pero' ma setax jaghti dettalji peress li sa dak iz-zmien kien mizzewweg u ma kienx ighix id-dar mal-genituri tieghu.

Jikkonferma li missieru kien tahom flus biex jixtru post f'San Giljan u jghid li l-genituri kienu dejjem jirrispettaw lill-intimat.

Hu r-rikorrenti jispjega li l-ewwel li kien induna li kien hemm problem bejn ohtu u r-ragel taghha meta ghalaq sninu ghall-habta tas-sena 2008, meta ohtu kienet wegghat u kienet spiccat it-tfal. Kien issuggerilha li jitbieghdu minn xulxin ghal ftit zmien u kien f'dan il-mument li pprova jghinhom, pero' jghid li mbaghad bdew jagixxu bhala tfal zghar.

Ighid ukoll illi mbaghad kien hemm darb'ohra fejn kien ta' sapport ghal C, peress li kien talbu t-tifel stess u kien tah parir biex ma jaghzilx bejn genitur jew iehor.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors, risposti u digrieti fl-atti.

---

[51] Ara dok.JG 3

Rat ir-Rapport tal-Psychotherapist Melissa Agius ipprezentat fid-9 ta' April, 2010.[52]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.[53]

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Keith Borg ipprezentat fit-18 ta' Jannar, 2018, flimkien mat-traskrizzjonijiet ta' seduti u xhieda li tressqu quddiemha.[54]

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Bank of Valletta plc deciza fid- 9 ta' Mejju, 2017.[55]

Rat it-tieni rapport tal-Perit Legali Dr. Keith Borg ipprezentata fit-22 ta' Marzu, 2018, flimkien mat-traskrizzjonijiet ta' seduti u xhieda li tressqu quddiemha.[56]

Rat in-nota ta' sottomissjoni tar-rikorrenti pprezentata fid-29 ta' Novembru, 2018.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat ipprezentata fid-19 ta' Frar, 2019.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

---

[52] Ara fol.265 tal-process.

[53] Ara fol.708 u 737 tal-process.

46.Ara fol.1302 tal-process.
[55] Ara fol 1812 tal-process.

46.Ara fol.1302 tal-process.

IKKUNSIDRAT

1. Illi b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2009, dina l-Onorabbli Qorti kienet innominat lil Dr. Keith Borg bhala Perit Legali, li zamm ammont konsiderevoli ta' seduti u pprezenta rapport ezawrjenti fit-18 ta' Jannar, 2016,[57] li gie segwit minn rapport iehor fit-22 ta' Marzu, 2018.[58]

2. Illi dina l-Qorti gharblet il-provi mressqa u ezaminat ir-relazzjoni tal-Perit Legali u se tadottah bil-mod kif se jigi kkunsidrat hawn taht:-

RESPONSABBILITA'

A skans ta' repetizzjoni, il-Perit Legali sewwa kkonkluda li r-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti sehh b'tort tal-intimat minhabba abbandun u b'responsabbilitá tat-tnejn minhabba li rrendew ruhhom responsabbli b'offizi gravi. Il-Perit Legali jghid hekk:-

***"…l-esponenti jinsab moralment konvint li hekk kif sehhew il-fatti relatati mill-attrici u inoltre mhux kontestati mill-konvenut, l-istess konvenut qatt ma kien bi hsiebu jirritorna lura fid-dar matrimonjali f'tentattiv tat-tkomplija tal-hajja konjugali. Hemm biss ikun irrizulta li l-abbandun baqa' fis-sehh b'xi tort tal-attrici, u li l-konvenut gie b'xi mod imcahhad milli jippurga l-mora konjugali tieghu.***

***F'mohh l-esponenti ghalhekk dan l-addebitu gie sufficjentement pruvat mill-attrici u li tassew jirrivesti l-azzjoni minnha proposta peress li kien proprju dan***

---

[57] Ara fol.1302 tal-process.
[58] Ara fol.1897 tal-process.

***l-abbandun, kif perpetrat, li kisser iz-zwieg b'mod irrimedjabbli." (abbandun)emfazi tal-Qorti***[59]

**Fuq l-offiza Gravi l-Perit Legali ighid hekk:-**

***"Ghaldaqstant, mill-provi akkwiziti, l-esponenti rriskontra dak li l-ligi taghraf bhala l-offiza gravi kif meqjux fil-parametri gurisprudenza, li taghha rrendew ruhhom responsabbli z-zewg kontendenti."*** [60]

**DEKADENZA**

Hawn ukoll fuq dina t-talba dina l-Onorabbli Qorti se toqghod fuq dak li gie enuncjat mill-Perit Legali:-

***"In linea mal-konkluzzjonijiet milhuqa mill-esponenti u b'zieda mal-istess qieghed jigi rakkomandat illi: id-dispost tal-Art.48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jigi applikat fl-intier tieghu biss fil-konfront tal-konvenut."***[61]

**KURA U KUSTODJA**

Kif qal ben tajjeb il-Perit Legali, peress li bin il-kontendenti llum huwa maggorenni m'hemmx aktar lok li dina t-talba tigi kkunsidrata.

---

[59]Ara fol.1338 tal-process.
[60] Ara fol. 1342 tal-process.
[61] Ara fol.1343 tal-process.

**MANTENIMENT GHAR-RIKORRENTI**

Ir-rikorrenti minn dejjem hadmet, minkejja l-problemi li kienet tiffaccja u ghadha tiffaccja sal-lum il-gurnata u dejjem kienet konsistenti f'xogholha. Hadmet ghal diversi snin mal-Emirates Airlines, mat-Travelex, u minn April 2014 sal-lum ghadha tahdem mal-Good Earth Retail Limited b'introjtu ta' €1080 netti.[62]

Il-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom il-Perit Legali f'dan ir-rigward huma dawn:-

***"L-esponenti ma jistax pero' jinjora l-kapacita' lavorattiva tal-attrici u l-fatt li tul is-snin kollha illi matulhom ilha ghaddejja din il-kawza din qajla insistiet ghall-manteniment ghaliha. L-esponenti jhoss li, anke fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet maghmula bir-rispett tal-manteniment ghal Zack Valenzia ebda manteniment mhu dovut lill-attrici li bil-manteniment allokat lilha versu l-htigijiet ta' iben il-partijiet ser ikollha l-assistenza mehtiega sabiex jigu mitigati l-effetti finanzjarji tal-firda u tinholoq parita' bejn il-qliegh rispettiv tal-kontendenti."***[63]

Ir-rikorrenti qed topponi ghal tali rakkomandazzjonijiet, fis-sens li thoss li jekk dina l-Qorti tabbraccja l-konkluzjoni tal-Perit Legali, hija se tigi kkastigata, ghaliex il-kapacita' lavorativa taghha, immur ferm oltre dak li hija l-prassi, ghax il-kaz, mertu tal-vertenza odjerna, mhuwiex normali u dan peress li l-bzonnijiet tat-tifel huma enormi u ghandha tigi ppremjata in linea tas-sentenza li ticcita A B nee' C pro.et.noe vs E B fejn il-Qorti ddikjarat hekk:-

---

[62] Ara fol. 717 tal-process.
[63] Ara fol.1347 tal-process.

***"Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni il-kontribut giornalier li l-attrici taghti a beneficcju tal-minuri f'dak kollu li ghandu bzonn inkluz tisjir, hasil ta' hwejjeg, tindif tad-dar u dak kollu li minuri ta' erbatax-il sena jkollu bzonn fid-dar tieghu. Dan naturalment jillimita l-hin disponibbli ghall-attrici dwar xoghol barra mid-dar. Dan ser jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-ammont li l-missier ghandu jhallas bhala manteniment ghall-minuri."***[64]

Mill-provi prodotti, minkejja d-dizabilita' ta' iben il-kontendenti dejjem hadmet full time u dejjem sabet hafna ghajnuna u support da parti tal-genituri taghha. Il-ligi hija cara f'dan ir-rigward jekk il-mara hija *self-sufficient* ma jissussitx l-obbligu tal-manteniment.

S'intendi, ic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz, iwasslu ghal dina l-Qorti biex tapprezza l-hin u d-dedikazzjoni li ghandha bzonn ir-rikorrenti biex tkun hemm ghal binha li hafna drabi jkollu jiddependi fuqha u tapprezza ukoll li hi tippretendi li tigi ppremjata. Madanakollu, dina l-ghajnuna finanzjarja li qed tippretendi ma jistax jinkwadra ruhu bhala manteniment ghaliha. Il-gustifikazzjoni tkun li jkun hemm manteniment ghal binha li jtaffi ftit jew wisq l-ispejjes finanzjarji, in partikolari dawk medicinali. *Il fatto sta* li bin il-kontendenti llum huwa maggorenni u dina l-Qorti issa se tghaddi biex tikkunsidra din it-talba fid-dawl ta' dan kollu li ghadu kemm gie evaluwat.

[64] Ara nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

MANTENIMENT GHAL C

Fil-mori tal-kawza, bin il-kontendenti sar maggorenni, kif ukoll illum ghandu ‘l fuq minn 23 sena. Skond digriet tal-21 ta’ April, 2009, l-intimat gie ordnat ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta’ €350 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjes relatati mal-edukazzjoni u skola tal-istess u nofs l-ispejjes medici ta’ natura straordinarja.

Kif qal ben tajjeb il-Perit Legali, l-Artiklu 3B tal-Kap.6 tal-Ligijiet ta’ Malta jimponi obbligu ta’ manteniment fuq il-ġenituri tat-tfal li jkunu affetti minn dizabilita’:-

***“(1) Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewwgin l-obbligu li jiehdu hsieb , imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.***

***(2)L-obbligu li l-genituri ghandhom li jipprovdu l-manteniment skond is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skond il-mezzi taghhom, u fejn ma jkunx ragonevolement possibbli li lill-ulied: …..(b) li jkollhom dizabilita, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet indaqs ghal Persuni b’Dizabilita’, kemm jekk hija fizika jew mentali.”***

Huwa car, li b’din id-disposizzjoni tal-ligi, il-legislatur ried li l-obbligu tal-manteniment, f’kaz ta’ ulied affetti minn dizabilita’ ma huwiex cirkoskritt bl-eta’, bl-uniku fattur determinant jkun it-test impost mil-ligi ta-possibilita’ tal-wild li jmantni lilu nnifsu.

Inoltre, l-Artikolu 2 tal-Kap.413 tal-Att dwar Opportunitajiet indaqs ghal Persuni b’Dizabilita’ jiddefinixxi **“dizabilita’**” bhala nuqqas fiziku, mentali, intelletwali

jew sensorju ghal zmien twil li flimkien ma' ostakli diversi, jista' jillimita lil persuna milli tippartecipa b'mod shih u effettiv fis-socjeta' b'mod ugwali daqs l-ohrajn.

M'hemmx dubju li C jbati mill-kundizzjoni ta' Spina Bifida u Hydrocephalus u li jaqa' taht id-definizzjoni kif fuq citata. Minkejja li gie deskritt bhala zaghzugh li huwa pjuttost indipendenti u li ghandu l-ambizzjonijiet tieghu, ghax kompla jistudja u jattendi l-basketball, ghandu l-limitazzjonijiet tieghu. Jehtieglu jiehu anitbiotici regolarment, ghandu bzonn juza' c-chairlift u in generali dejjem ibati mill-kliwi, minhabba li l-kundizzjonijiet tieghu ma jippermettulux li jnehhi l-likwidi mis-sistema tieghu.

Ghalhekk il-gurisprudenza nostrana hadet triq ohra ghar-rigward obbligi ta' manteniment meta t-tfal ikun "dizabbli," izda jkunu saru maggorenni. In sostenn ta' dan dina l-Qorti se taghmel referenza ghall-gurisprudenza nostrana. Fis-sentenza **Maria Rosaria Micallef vs Alfred Micallef**[65] gie enuncjat hekk:-

***"Dan l-obbligu tal-genituri normalment jispiccaw meta l-ulied jsiru maggorenni, ghax fil-maggoranza kbira tal-kaz l-ulied issa jkunu jistghu jahsbu huma stess ghall-bzonnijiet taghhom u jfendu ghal rashom. Madankollu, ghandu jigi enfasizzat li l-ligi ma tipprovdix li l-obbligi msemmija impost fuq il-genituri a favur l-ulied jispiccaw awtomatikament bis-semplici fatt li l-ulied ikun saru tal-eta'. Invece, dan l-obbligu jibqa' fis-sehh ghal dak iz-zmien kollu li l-ulied ikunu fil-bzonn minghajr ebda htila taghhom u indipendentement mir-rieda taghhom nonostante li jkunu saru maggorenni (ara f'dan is-sens, fost sentenzi ohra, dawk pronunzjati mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1960 u t-28 ta' Ottubru, 1960 fl-ismijiet rispettivi***

[65] Appell Civili Citaz.Nru. 1340/2002 deciza 18 ta' Gunju, 2007.

***Carmela Bugeja vs Felecita Bugeja et u Professur Tabib Joseph Galea noe vs William Spalding). Dawn is-sentenzi kienu jikkoncernaaw l-obbligu tal-ġenituri li jfornu alimenti lill-uliedhom maggorenni fic-cirkostanzi spjegati fuqhom. Irid jinghad li fil-kuncett tal-manteniment ma jidhlux biss l-ikel u l-ilbies u l-ispejjez ghall-kura medika u medicinali izda ukoll il-provista tal-abitazzjoni. Dan hu specifikatament indikat fl-Artikolu 19 li jghid hekk fl-ewwel subartikolu tieghu:***

***"Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni."***

Dina l-Qorti se tezamina aktar sentenzi f'dan il-kuntest, peress li thoss li l-Perit Legali, ma ezaminax il-mertu ta' dina t-talba mill-aspett misthoqq u rrefera biss ghall-obbligu ta' manteniment li jista' jibqa' jissussisti anke wara li t-tfal isiru maggorenni, izda dan ghandu jintrabat mal-grad ta' dizabilita' ta' bin il-kontendenti u hekk kellu jimxi l-Perit Legali.

Ghalhekk in sintesi dak li gie enuncjat fis-sentenza **Professur Tabib Joseph Galea vs William Spalding**[66] ghandu jinghata l-importanza mehtiega:-

***"Illi l-obbligu alimentari ma jispiccaw bil-fatt li l-persuna li jkollha dritt ghall-alimenti tkun saret maggorenni; ghaliex dan l-obbligu hu bazat fuq il-bzonn, li jista' jirrikorri fi kwalunkwe zmien tal-hajja tal-bniedem. Veru illi b'gheluq tmintax-il sena tikber izjed il-kapacita' ghax-xoghol fl-alimenti, izda dan ma jgibx necessarjament u dejjem li hu jkun hekk kapaci u li huwa jsib dan ix-xoghol. "Bisogno pensare." Josserva l-Avukat Caberlotto, "che non bastano la capacita' di lavorare e la buona volonta' di farlo; bisogna trovar da lavorare, e cio' non avviene cosi presto……sarebbe ingiusto, irragionevole ed inumano il***

[66] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fit-28 ta' Ottubru, 1960

***negare gli alimenti a colui che cerca lavoro ma non ne trova. Sara' temporaneo l'assegno, ma dev'essere accordato" (Digesto Italiano, voce alimenti§ 119)."***

**L-Avukat Caberlotto, fuq il-monografija tieghu fuq l-"Alimenti," josserva:- *"Abbiamo fin qui alluso di preferenza ai figli minori; ma cio' non vuol dire punto che sia regola di diritto che col cessare dell'eta' minore cessi pure nei genitori l'obbligo alimentare. No. Puo' dirsi bensi' in via generale ed ordinaria che quest'obbligo sussiste fino a che i figli sono in eta' da poter provvedere da se' medesimi al proprio mantenimento; ma conviene altresi' aggiungere che, anche posteriormente a questa eta', se i figli si trovino tuttavia in istato di bisogno per cause indipendenti dalla loro volonta', l'obbligo dei genitori continua."*** [67]

**F'dan is-sens hija ukoll il-gurisprudenza nostrana; din il-Qorti, fil-kawza "Schembri utrinque," deciza fl-10 ta' Novembru 1877, hekk marret tikkummenta:-**

***"Il senso di questa disposizione di legge*** **(Artiklu 3B tal-Kodici Civili) (sottolinear tal-Qorti)** ***non puo' mai essere quello che alle persone invalide per l'eta', malattia fisica o mentale, o che per qualunque altra cause fossero inabili al lavoro, siano dovuti gli alimenti, e che a tutt'altre persone quali fossero atte a qualche lavoro o capaci all'esercizio di qualche professione, arte u mestiere, si debbano gli alimenti negare non ostante che per circostanze indipendenti dalla loro volonta', dalla loro industria e dalla loro attivita', non trovino occasione di trarre profitto dal loro lavoro industriale."*** [68]

---

[67] Carmelo Bugeja vs Felicita Bugeja et. Deciza fit-30 ta' Gunju, 1960.
[68] Carmelo Bugeja vs Felicita Bugeja et. Deciza fit-30 ta' Gunju, 1960.

Mill-provi jirrizulta li C ghadu jghix m'ommu u minkejja li hemm element ta' indipendenza, peress li mentalment ma tezisti ebda dizabilita', ugwalment jinnecessita' l-ghajnuna u dipendenza fuq ommu u ghalhekk isir kompitu ardwu li jimpjiega ruhu u s'intendi jmantni lilu nnifsu.

Ghalhekk dina l-Qorti se jkollha taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali fejn minkejja li C, illum huwa maggorenni, peress li ghadu jghix m'ommu u fejn il-bzonnijiet tieghu jmorru oltre l-bzonnijiet bazici ta' minuri jisthoqq li l-intimat jikkontribwixxi ghall-manteniment tieghu, diment li C jibqa' jghix m'ommu u mhux qed jaqla' introjtu regolari.

Il-Qorti issa trid tasal biex tikkwantifika l-ammont ta' manteniment li ghandu jithallas lir-rikorrenti ghal C. Primarjament, ghandu jigi pprecizat illi dan tal-ahhar jircievi pensjoni ta' disabilita' b'effett mid-29 ta' Jannar, 2011 fl-ammont ta' €102.52 fil-gimgha, bonus ta' €135.10 kull sitt xhur u zidiet tal-gholi tal-hajja. Inoltre, huwa jista' jahdem u jaqla' sabiex jibqa' intitolat, sal-massimu tal-paga minima nazzjonjali. La darba jizboq il-paga minima nazzjonali, il-quantum tal-pensjoni jonqos *pro rata.*

Il-Perit Legali accenna ukoll ghal fatt li l-kontendenti t-tnejn dejjem hadmu u kellhom diversi impjiegi b'paga differenti, izda mis-sottomissjonijiet taghhom, ikkonfermaw li l-impjieg prezenti taghhom huwa tar-rikorrenti mal-Good Earth Limited b'paga netta ta' €1,080 fix-xahar, filwaqt l-intimat huwa impjegat ma' A+A Assurance Services Limited huwa jippercepixxi salarju ta' €2,200 gross fix-[69]xahar.

[69] Ara fol.1897 tal-process.

Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, taqbel ukoll mar-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali, li l-ammont ta' €350 fix-xahar sabiex ikopri l-ispejjes edukattivi, kif ukoll spejjes ta' sahha ta' natura ordinarja, u zzid li l-ispejjes tas-sahha straordinarji ghandhom jinqasmu bin-nofs.

Il-Qorti ezaminat ukoll bir-reqqa r-rapport addizzjonjali tal-Perit Legali Dr. Keith Borg li gie pprezentat fit-22 ta' Marzu, 2018 fejn kellu l-inkarigu sabiex jezamina diversi dokumenti a bazi ta' liema r-rikorrenti kienet qed titlob diversi arretrati ta' spejjez li l-intimat kellu jhallas skond id-digriet tal-21 ta' April, 2009 u wasal ghas-segwenti konkluzzjonijiet, ma' liema dina l-Qorti qed taqbel u konsegwentement qed tadottahom:-

i) L-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma globali ta' €2,658.77 rapprezentanti nofs l-ispejjes kollha reklamati mir-rikorrenti ghall-perjodu bejn Novembru, 2007 u April 2009. Gie stabbilit ukoll mill-Perit Legali li l-unici spejjes li jistghu jitqiesu bhala straordinarji fil-kuntest ta' qaghda ta' sahha ta' C, huma dawk inkorsi f'Gunju tas-sena 2011 ghall-gita gewwa l-Iskozja (fl-ammont ta' €1571.36) u dawk relatati mal-kampijiet f'Marzu tas-sena 2010 ammontanti ghal €30, liema spejjes diga' gew mnaqqsa mill-quantum msemmija aktar 'l fuq.

ii) L-intimat ghandu jhallas is-somma ta' €17,269.48 rapprezentanti nofs l-ispejjez kollha reklamati mir-rikorrenti ghall-perjodu bejn Mejju tas-sena 2009 u Dicembru tas-sena 2016, li minnhom imbaghad ghandhom titnaqqas is-somma ta' €1,590 rapprezentanti s-somma pretiza mir-rikorrenti ghall-mizati tal-iskola mhallsa minn omm ir-rikorrenti ghall-perjodu Harifa tas-sena 2010, ix-Xitwa fis-sena 2011, ir-Rebbiegha fis-sena 2011, il-Harifa 2011 u ghax-Xitwa fis-sena 2012.

Kif accenna ben tajjeb il-Perit Legali dawn il-mizati li thallsu minn omm ir-rikorrenti jirrapprezentaw kreditu li ghandha l-istess omm kontra l-intimat u mhux ir-rikorrenti u ghalhekk dan l-ammont ghandu jitnaqqas. B'hekk l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma globali ta' €15,679.48 rapprezentanti nofs l-ispejjez kollha reklamati mir-rikorrenti ghall-perjodu bejn Mejju tas-sena 2009 u Dicembru, 2016.

**KOMMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Dina l-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali fir-rapport tieghu u se tadottah u taghmlu taghha u se tipproduci hawn taht il-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom:-

**DAR MATRIMONJALI**

Rigward id-dar matrimonjali gewwa nru.8, Sqaq 7, Triq Santa Lucia, Naxxar, minhabba li l-intimat naqas li jaghmel pagamenti regolari tal-loan ezistenti mal-Bank of Valletta plc spicca li l-istess bank giet kanonizzata bhala kreditrici tal-partijiet fis-somma ta' €46,527.33 oltre l-imghax ulterjuri mit-2 ta' Frar, 2016 permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Bank of Valletta plc. Vs CB et. fid-9 ta' Mejju, 2017 (Rik.Gur.503/2016) ghal liema kreditu d-dar tal-partijiet moghtija b'garanzija ipotekarja.[70]

Din il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoniet tal-Perit Legali li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh, wara li ssir valutazzjoni minn Perit Tekniku sabiex jistma dan

---

[70] Ara fol.1892 tal-process.

l-immobbli bl-ispiza relattiva tkun sopportata f’ishma ugwali bejn il-kontendenti. Imma dan ghandu jsir wara li jigi saldat il-kreditu mal-Bank of Valletta plc.

Fuq rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali l-partijiet ghandhom tmintax-il xahar sabiex ibieghu l-proprjeta’ in kwistjoni fis-suq miftuh u fin-nuqqas ghandha terga’ fuq talba ta’ wiehed mill-partijiet, tigi valutata u tinbiegh ghall-prezz ta’ dak iz-zmien, diment li xi wiehed mill-partijiet mhux interessat li jixtri sehem il-partijiet l-ohra fl-istess dar matrimonjali.

MOBBLI FID-DAR MATRIMONJALI

Dina l-Qorti taqbel ma’ dak irrakkomandat mill-Perit Legali ghar-ragunijiet hemm sottomessi u cioe’ li l-mobbli ghandhom jinbieghu mad-dar matrimonjali jew jigu rkantati. Madanakollu, il-partijiet ghandhom jinghataw tlett xhur sabiex jekk u sa fejn hu possibbli, jaqblu fuq divizjoni ekwa ta’ dawn il-mobbli.

MOBBLI OHRA

Il-mobbli l-ohra konsistenti f’zewg vetturi u dghajsa gew maqbuda mill-kredituri tal-istess u ma hemmx lok aktar li dawn jibqghu jigu kkunsidrati bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Ghandu jigi rilevat ukoll illi mir-rikavat tad-dar matrimonjali u jekk jinbieghu l-mobbli fuq surriferiti ghandhom jigu soddisfatti s-segwenti djun formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kif konkluz mill-Perit Legali:-

a. L-izbilanc fil-kont self f'isem iz-zewg partijiet numru 047066949301, mizmum mal-HSBC Bank (Malta) plc.

b. L-izbilanc fil-kont self f'isem iz-zewg partijiet numru 047066949302, mizmum mal-HSBC Bank (Malta) plc.

c. L-izbilanc fil-kont self f'isem iz-zewg partijiet numru 047066949340 mizmum mal-HSBC Bank (Malta) plc.

d. L-izbilanc fil-kont self f'isem iz-zewg partijiet numru 047066949341, mizmum mal-HSBC Bank (Malta) plc.

e. L-izbilanc fil-kont kurrenti f'isem iz-zewg partijiet numru 047066949001, mizmum mal-HSBC Bank (Malta) plc.

f. Kull passiv iehor li jista' jkun dovut lil HSBC Bank (Malta) plc.

g. L-izbilanc fil-kont self f'isem iz-zewg partijiet numru 35205912010, mizmum mal-Bank of Valletta plc.

h. L-izbilanc fil-kont self f'isem iz-zewg partijiet numru 40017654700, mizmum mal-Bank of Valletta plc.

i. Kull passiv iehor li jista' jkun dovut lill-HSBC Bank (Malta) plc.

j. Il-passiv skond l-iskrittura datata 12 ta' Ottubru, 1995, permezz ta' liema l-genituri tal-attrici silfu lill-kontendenti s-somma ta' Lm20,000, ossia €46,600.

Il-bilanc mir-rikavat wara li jigu saldati d-djun surriferiti ghandu mbaghad jigi mnaqqas bis-segwenti krediti

1. Dak tar-rikorrenti fis-somma ta' Lm25,000, ossia €58,250 rapprezentanti d-donazzjoni maghmula mill-attrici mill-genituri taghha permezz tal-kuntratt ippublikat min-Nutar Dr. John Gambin fit-12 ta' Ottubru, 1995.

2. Dak tal-konvenut fis-somma ta' Lm15,990.91, rapprezentanti l-profitt mill-bejgh tal-appartament gewwa Bugibba li sar permezz tal-kuntratt ippublikat minn Nutar Dottor Roberta Bisazza fil-5 ta' Marzu, 2003.

3. Dak tal-attrici fis-somma ta' Lm65 (€151.45) rapprezentanti l-hlas ta' drittijiet u spejjez tan-Nutar Dr. Joseph Tabone in konnessjoni mal-kuntratt ippubblikat minnu fis-17 ta' Marzu, 1992.

4. Dak tal-attrici fis-somma ta' Lm270, ossia (Eur. 629.10) rapprezentanti l-akkwist tal-appliances ghall-proprjeta' gewwa Bugibba.

Il-bilanc mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali u l-mobbli wara t-tnaqqis hawn fuq elenkat, ghandu jinqasam f'ishma ndaqs bejn il-kontendenti, b'dana pero' illi qabel ma jsir dan il-qsim:

a) Ir-rikorrenti ghandha tirrintegra fil-komunjoni s-somma ta' Lm2,497, ossia €5,818.01 rapprezentanti flejjes minnha debitament zbankati mill-komunjoni fil-forma ta' cekkijiet pagabbli lill-kumpanija illi maghha kienet tahdem, u cioe' l-kumpanija Emirates; l-esponenti hawnhekk jissottometti li ma sabx attendibbli l-ispjega fornuta mill-attrici fir-rispett ta' dan l-izbank u proprju ghalhekk qieghed iressaq tali rakkomandazzjoni.

Minn naha l-ohra l-konvenut ma ressaqx provi soddisfacjenti li setghu jikkonvincu l-intimat li cekkijiet ohra hekk mahruga fil-fatt nhargu ndebitament.

b) Il-konvenut ghandu jirrintegra fil-komunjoni s-somma ta' Lm7, 631.84 ossia €17,782.19[71] rapprezentanti flejjes imhallsa tul iz-zwieg kontra self illi l-intimat kien ottjena ghall-akkwist tal-proprjeta' gewwa Bugibba.

5. Dwar kontijiet bankarji, dawn ghandhom jigu maqsuma fis-segwenti mod:-

i) Ir-rikorrenti ghandha tigi assenjata l-kontijiet numru 050083419001 u 050083419340 mizmuma mill-HSBC Bank Malta plc;

ii) L-intimat ghandu jigi assenjat il-kont numru 047012935050 mizmum mill-HSBC Bank Malta plc. u l-kontijiet numri 5420710007456044 u 5420711004938034 mizmuma mal-Bank of Valletta plc.

iii) Minkejja li r-rikorrenti pproduciet diversi dokumenti fuq il-kontijiet mizmuma mal-Bank of Valletta plc. li kienu jezistu qabel iz-zwieg u cioe' l-kontijiet 148-03084015; 182-04721012; 148-03084028 ma ressqitx provi sufficjenti sabiex tiggustifika l-pretensjoni tal-kreditu taghha;

iv) L-istess hemm nuqqas ta' provi in kwantu jirrigwarda s-somma pretiza mir-rikorrenti fis-somma ta' Lm500 li tghid li hallset versu l-akkwist tal-fond gewwa Bugibba u l-istess minkejja li r-rikorrenti qed tippretendi s-somma ta' €2,796 ghall-akkwist tal-kcina ghall-proprjeta' gewwa Bugibba u dan peress li l-istess dokument jirrapprezenta biss

---

[71] Fol.480 et seq. pagament ta' LM 70 kull wiehed flimkien ma' pagament ta'Lm32 u iehor ta' Lm21.84

stima u ma jindikax meta effettivament inxtrat, izda mbaghad rigward l-ammont ta' €1,712.55 (Lm735) li hallset ghall-akkwist tal-istess kcina dan jirrizulta li kien thallas wara z-zwieg u ma ngabux provi konvincenti li l-flejjes li thallsu kienu parafernali.

v) Tinnega li r-rikorrenti ghandha tiehu lura s-somma ta' Lm1,680, ossia €3,914.40 rapprezentanti taxxa mhallsa fuq it-trasferiment tal-fond gewwa Bugibba fil-5 ta' Marzu, 2003 stante li tali taxxa giet kreditata kontra taxxa ohra dovuta mill-komunjoni.[72]

6. Il-Qorti taqbel ukoll mal-Perit Legali li kkonstata illi l-pretensjoni tal-intimat li t-taxxa dovuta fuq il-qliegh tieghu ghas-snin 2006 sa 2008, fl-ammont ta' €11,193 ghandha tigi mhallsa mill-komunjoni tal-akkwisti, ghandha tigi respinta u ghalhekk ghandhom jigu ssopportati mill-intimat.

**DECIDE**

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi s-segwenti:-

TALBIET TAL-ATTRICI

1. Tikkonferma s-separazzjoni personali a mensa et thoro b'tort unikament tal-konvenut li rrenda ruhu hati ta' abbandun u offizi gravi.

2. Tenut kont li llum C, huwa maggorenni din l-Qorti mhix se tiehu aktar in konsiderazzjoni din it-talba.

[72] Ara Dok.AVX 3 esebit fis-seduta peritali numru 11.

3. Tilqa’ t-tielet talba.

4. Tilqa’ r-raba’ talba in parte, fis-sens kif gie spjegat fis-subtitolu “Manteniment” fuq imsemmi u ghalhekk tordna lill-konvenut jibqa’ jhallas is-somma ta’ €350 fix-xahar sabiex ikopri l-ispejjes edukattivi, kif ukoll spejjes ta’ sahha ta’ natura ordinarja, u zzid li l-ispejjes tas-sahha straordinarji ghandhom jinqasmu bin-nofs diment li C, jibqa’ jghix m’ ommu u mhux qed jaqla’ introjtu regolari.

   Il-konvenut ghandu jhallas ukoll ghall-arretrati kif gie deciz fil-kunsiderazzjonijiet ta’ dina l-Qorti aktar ‘l fuq.

5. Tilqa l-hames talba u tapplika d-dispost tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-intier tieghu biss fil-konfront tal-konvenut, tenut kont ta’ dak li gie konkluz hawn fuq.

6. Tilqa’ s-sitt talba u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif spjegat aktar ‘l fuq fis-subtitolu “Komunjoni tal-Akkwisti” u tinnomina lil Nutar Edward Flores u Perit Nicholas Mallia, jekk ikun il-kaz ai fini tal-qasma.

7. Tilqa’ s-seba’ talba in kwantu applikabbli fil-kunsiderazzjonjiet tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

8. Tilqa’ t-tmien talba sakemm id-dar tinbiegh lil terz, jew xi wiehed mill-partijiet.

KONTRO-TALBIET TAL-KONVENUT

1. Tilqa' l-ewwel talba, imma minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' abbandun u offizi gravi.

2. Tenut kont li llum C, huwa maggorenni tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dina t-talba.

3. Tilqa' t-tielet talba.

4. Tichad ir-raba' talba ghar-ragunijiet li fuq id-dekadenza dina l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha fit-talbiet tal-attrici.

5. Tichad il-hames talba stante li dina l-Onorabbli Qorti diga' ppronunzjat ruhha fuq dina t-talba u stante li ordnat l-istess bejgh tad-dar matrimonjali.

6. Tilqa' is-sitt talba in parte in kwantu diga' llikwidat u assenjat il-komunjoni tal-akkwisti fl-akkoljiment tat-talbiet tal-attrici.

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina s-seba' talba stante li din l-assenjazzjoni saret mal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti aktar 'l fuq.

8. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' dina t-talba stante li diga' gew nominati fid-decide tat-talbiet tal-attrici.

Bl-ispejjez gudizzjarji kollha kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-ittri tal-medjazzjoni numri 86/2008 u 1459/2008 kif ukoll mandati kawtelatorji.

**Imhallef**

**Onor. Anthony Vella**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**